# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 11 ta' Lulju, 2024**

**Numru 12**

**Rikors Numru 1398/23TA**

**L-Onor. Kap tal-Oppożizzjoni u Kap tal-Partit Nazzjonalista l-Avukat Dottor Bernard Grech (K.I. nru 0526571M); u**

**L-Onor. Avukat Dottor Adrian Delia (K.I. nru 0299369M)**

**vs**

**Avukat tal-Istat u b'digriet tal-15 ta' Frar 2024 ġew intervenuti fil-kawża in statu et terminis il-Gvern tar-Repubblika ta' Malta u l-Kabinett ta' Malta**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat tal-Onor. Kap tal-Opposizzjoni u Kap tal-Partit Nazzjonalista l-Avukat Dottor Bernard Grech u l-Onor. Avukat Dottor Adrian Delia (l-Atturi) tat-12 ta' Diċembru 2023 li permezz tiegħu ppremettew u talbu s-segwenti:

1. "Illi b'sentenza tal-**Qorti tal-Appell tat-23 ta' Ottubru 2023 fil-kawża Rikors maħluf Numru: 133/18 fl-ismijiet: '*Onorevoli Kap tal-***

***Oppożizzjoni Avukat Dottor Adrian Delia vs Onorevoli Prim Ministru ta' Malta Joseph Muscat',*** kopja tiegħu hawn anness u mmarkat bħala **'*Dokument A*'**, ġie deċiż mill-organu tal-Istat adebit bil-liġi u dan b'mod finali illi l-ogħla funzjonarji tal-Gvern Malti fost oħrajn Dottor Joseph Muscat, Avukat Dottor Christian Cardona, Dottor Konrad Mizzi, Keith Schembri, Avukat Dottor Robert Abela, Professur Edward Scicluna u Tabib Kirurgu Mr.Chris Fearne aġixxew b'inganni u b'kollużjoni ma' Vitals Global Healthcare Assets Limited, Vitals Global Healthcare Limited u Vitals Global Healthcare Management Limited, illum Steward Malta Assets Limited, Steward Malta Limited u Steward Malta Management Limited, u dan *a skapitu* tal-Istat Malti.

2. Illi kif ġie deċiż mill-Qorti tal-Appell, min suppost kellu d-dmir li jħares l-interessi tal-pajjiż, flok ħares dawk l-interessi, ħares interessi oħra u kkonċeda estenzjoni wara oħra ta' żmien biex ma joħroġx fil-beraħ li l-ftehim raġġunt in kollużjoni b'għemil doluż tat-tlett sptarijiet ossia l-iSptar San Luqa, Sptar Karin Grech u l-iSptar t'Għawdex u dan kien biss *messa in scena* flok kif ġie deskritt the *real deal* u minkejja dan komplew jitħallsu tul iż-żmien miljuni ta' Ewro lis-soċjetajiet Vitals u Steward għalkemm dawn ma kienux qegħdin iwettqu l-obbligi tagħhom kif naxxenti mill-konċessjoni emfitewtika temporanja għar-ristrutturar tat-tlett sptarijiet *ossia* l-iSptar San Luqa, Sptar Karin Grech u l-iSptar t'Għawdex u kif ukoll l-istrumenti relattivi hemm annessi, u dan anke wara li instab hekk kollużiv mill-istess Awditur Ġenerali.

3. Illi dawn il-funzjonarji għolja tal-Gvern, minkejja li kellhom id-dmir li jħarsu l-interessi tal-pajjiż, naqsu li jħarsu dawn l-interessi u minflok aktar kellhom għal qalbhom l-interessi tas-soċjetajiet Vitals u Steward u l-interessi tagħhom, billi aġixxew b'għemil doluż u b'ingann in kollużjoni ma' dawn l-istess soċjetajiet.

4. Illi jirriżulta minn din is-sentenza mmarkata ***Dokument A***, li dawn l-inganni magħmulin mill-ogħla funzjonarji tal-Gvern in kollużjoni mas-soċjetajiet Vitals u sussegwentement is-soċjetajiet Steward, surreferiti jikkostitwixxu għemil doluż *ossia* frodi speċifikament b'kollużjoni bejniethom, u dan għad-dannu tal-Istat Malti.

5. Illi l-Qorti tal-Appell bħala organu tal-Istat Malti bis-sentenza finali tagħha rigward l-għemil doluż perpetrat mill-ogħla funzjonarji tal-Gvern Malti għandha rwol illi teżerċita l-poteri lilha mgħotija fis-salvagwardja tas-separazzjoni tal-poteri u fl-interpretazzjoni tal-frodi subita mill-ogħla funzjonarji tal-Gvern Malti kontra l-interessi tal-Poplu Malti u Għawdxi.

6. Illi għalhekk, l-intimat Avukat tal-Istat li l-funzjoni tiegħu huwa li jipproteġi l-Istat mill-abbuż perpetrat mill-ogħla uffiċjali tal-Gvern Malti għandu s-setgħa wara din is-sentenza, mmarkata ***Dokument A*** ma dan ir-rikors, sabiex jaġixxi fuq din it-tali deċiżjoni finali ta' għemil doluż perpetrat in kollużjoni mas-soċjetajiet Vitals u Steward, kontra l-interessi aħħarin tal-Poplu Malti u Għawdxi.

7. Illi l-Avukat tal-Istat għandu d-dmir wara din it-tali sentenza sabiex jaġixxi b'azzjoni ċivili ġudizzjarja *ai termini* tal-Artikolu 1051A *et seq* tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan sabiex jittutela il-proprjeta' pubblika, speċifikament, il-fondi pubbliċi misjuba misruqa u frodati mill-ogħla uffiċjali tal-Gvern Malti, sabiex kull minn ikkontribwixxa direttament jew indirettament u inġurja gravament l-Istat b'għemil doluż, fradwolenti u kolluživ ipperpetrat, jinstab huwa/huma responsabbli personalment u *in solidum* għad-dannu li għamlu *in konfront* tal-Istat Malti u sabiex jirrifondu lill-Istat Malti dak id-dannu subit *ossia* l-flus imħallsa indebitament b'għemil doluż u *in kollużjoni* ma' terzi.

8. Illi l-Avukat tal-Istat m'għandux bżonn l-awtorizzazzjoni tal-Gvern sabiex huwa jaġixxi stante illi l-ogħla Qorti fil-pajjiż *ossia* l-Qorti tal-Appell diġa' espremiet lilha innifisha illi l-Istat Malti issubixxa dannu b'għemil doluż mill-ogħla funzjonarji tal-Gvern Malti u għalhekk din id-dikjarazzjoni mill-organu tal-Istat fis-separazzjoni tal-poteri tagħtih l-awtorizzazzjoni u l-obbligu li jiddefendi l-Istat Malti minn dawn il-qarrieqa.

9. Illi *ai termini* tal-Artikolu 1051A (1) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, il-korruzzjoni tfisser *"li titlob, toffri,* ***tagħti jew taċċetta, direttament jew indirettament, tixħim jew xi vantaġġ ieħor mhux dovut jew li jkun prospettat****, li jgħawweġ it-twettiq kif imiss ta' xi dmir jew imġieba meħtieġa minn min jirċievi t-tixħim,* ***bil-vantaġġ mhux dovut jew kif ikun prospettat****."*

10. Illi konsegwentement dan l-Artikolu 1051A sub-inċiż (2) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta jistipula illi *"kull min ivanta li jkun sofra danni bħala riżultat ta' korruzzjoni għandu jkollu l-jedd li jieħu azzjoni biex jikseb kumpens għad-dannu kaġunat lilu bl-att ta' korruzzjoni kontra l-persuni li jkunu għamlu jew awtorizzaw l-att ta' korruzzjoni jew li jkunu naqsu li jieħdu passi raġonevoli biex jipprevjenu l-att ta' korruzzjoni."*

11. Illi għalhekk il-persuni illi jkunu awtorizzaw u/jew aġixxew b'mod korrott kif imfissra fl-Artikolu 1051A(1) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u anki jkunu naqsu milli jipprevjenu dawn l-atti għandhom ikunu personalment u solidalment responsabbli għad-dannu subit, kif fuq spjegat b'azzjoni ċivili intavolata mill-Avukat tal-Istat.

12. Illi *in oltre* min ikun sar jaf b'dan l-att ta' korruzzjoni kif imfissra fl-istess Artikolu, u li għandu d-dmir jissalvagwardja u jipprevjeni l-istess atti, għandu jieħu dawk il-miżuri preventivi u azzjonabbli li jkunu raġonevoli fiċ-ċirkostanzi sabiex jirkupra l-istess dannu u dan skont l-Artikolu 1051A(1) *et seq* tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, *ossia* dawk id-danni li jkun sofra l-vittma, li fil-każ odjern huwa l-Poplu Malti u Għawdxi *ossia* l-Istat Malti.

13. Illi għalhekk l-intimat Avukat tal-Istat għandu id-dmir li jaġixxi *a sua sponte* u dan *ai termini* tal-Artikolu 91A sub-inċiż (3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jistipula s-segwenti:-

*"...**Huwa għandu jaġixxi fl-interess pubbliku u għandu jissalvagwardja l-legalità tal-azzjoni tal-Istat**. L-Avukat tal-Istat għandu jwettaq ukoll dawk id-dmirijiet u funzjonijiet oħra li jistgħu jingħatawlu minn din il-Kostituzzjoni jew minn xi liġi. Fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu, l-Avukat tal-Istat **għandu jaġixxi fil-ġudizzju individwali tiegħu u ma għandux ikun suġġett għad-direzzjoni jew għall-kontroll ta' ebda persuna jew awtorità oħra."***

14. Illi għalhekk l-istess Avukat tal-Istat huwa fid-dover li jaġixxi mhux biss *ai termini* tal-liġijiet viġenti u speċifikati hawn fuq, sabiex jirkupra d-dannu subit mill-istess Stat Malti, imma ukoll b'konsegwenza tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell surreferita, li indirizzat l-għemil doluż, frawdolenti u kolluživ, perpetrat mill-ogħla esponenti tal-Gvern Malti preżenti u/jew passati.

15. Illi din is-sentenza mmarkata bħala ***Dokument A*** ma' dan ir-rikors, sabet għemil doluż *in kolluzjoni* ma' terzi tifforma stat *in konfront* ta' Dottor Joseph Muscat, l-Avukat Ġenerali illum l-Avukat tal-Istat, INDIS Malta Limited, il-Kap Eżekuttiv tal-Awtorita tal-Artijiet, u ċ-Ċhairman tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorita tal-Artijiet u għalhekk l-Avukat tal-Istat b'din is-sentenza finali m'għandu bżonn ebda awtorizzazjoni mingħand il-Gvern Malti biex jaġixxi, u dan għaliex din is-sentenza ukoll tagħtih l-awtorita' li jaġixxi sabiex l-għerq tal-għemil doluż perpetrat minn l-ogħla funzjonarji tal-Gvern Malti kif misjub bis-sentenza surreferita jiġi sanzjonat mingħajr ebda dewmien.

16. Illi għaldaqstant *a tenur* tal-istess Kostituzzjoni u tas-sentenza surreferita mmarkata bħala ***Dokument A*** ma' dan ir-rikors, l-Avukat tal-Istat għandu dritt, dmir u obbliġu sabiex jaġixxi u jirkupra l-flus misruqa b'korruzzjoni mill-ogħla uffiċjali tal-Istat, u għalhekk ma jistgħax jibqa' aktar sajjem u inadempjenti.

17. Illi skont ir-rapport tal-Kummissjoni Venezja fi ħdan il-Kunsill tal-Ewropa, *ossia Opinion Nru. 940/2018* ppreżentat fis-17 ta' Diċembru 2018, bit-titolu *'Malta – Opinion – On Constitutional Arrangements and Separation of Powers and the Independence of the Judiciary and Law Enforcement'*, kopja tiegħu hawn anness u mmarkat bħala **'*Dokument B*'**, l-istess kummissjoni eżortat lil Gvern Malti sabiex il-poteri tal-Avukat Ġenerali jiġu diviżi, bejn l-istess Avukat Ġenerali u l-Avukat tal-Istat. Illi għaldaqstant dawn ġew hekk diviżi bil-promulgazzjoni tal-Att Nru. XXV tas-sena 2019.

18. Illi kif jirrizulta mid-dibattiti Parlamentari tas-seduta 234 tal-Kamra tad-Deputati tal-10 ta' Ġunju 2019, kopja tal-istess hawn annessi u mmarkati bħala **'*Dokument C*',** fir-rigward tal-promulgazzjoni tal-Att Nru XXV tas-sena 2019, il-funzjoni tal-istess Avukat tal-Istat fil-

mansjoni ċivili tiegħu huwa ferm aktar minn Avukat Prinċipali tal-Gvern iżda difensur tal-Istat, u dan kif stqarr il-Ministru tal-Ġustizzja ta' dak iż-żmien, li ppilota l-istess liġi, *ossia* l-Onorevoli Avukat Dottor Owen Bonnici, li ddikjara, "*he is the last man standing fis-sistema kostituzzjonali tagħna"* u kompla jżid, *"**għaliex huwa l-Avukat tal-Istat kollu u mhux tal-Gvern biss**, tal-Parlament biss, jew tal-Ġudikatura".* L-istess Ministru kompla jgħid illi l-istess Avukat tal-Istat irid "*jaġixxi fl-interess pubbliku u jissalvagwardja l-legalita' tal-aġir tal-Istat."*

19. Illi barra minn hekk, fis-seduta tat-8 ta' Lulju 2019 tal-Kumitat tal-Permanenti tal-Konsiderazzjonijiet ta' Abbozzi ta' Liġi, il-Ministru konċernat iddeskriva il-ħatra taż-żewġ uffiċċji *ossia* tal-Avukat Ġenerali u tal-Avukat tal-Istat bħala *"mija fil-mija kif proposti mill-Kummissjoni Venezja"* li kopja tiegħu qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala **'*Dokument D*'.**

20. Illi għalhekk huwa ovvju li l-funzjoni tal-Avukat tal-Istat hija *oltre* li jagħti pariri lil Gvern iżda għandu il-funzjoni, kif salvagwardjata mill-Kostituzzjoni ta' Malta li tobbligah li għandu jaġixxi fl-interess tal-Istat anke kontra Membri tal-istess Gvern, jew ta' gvernijiet anteċedenti, mingħajr l-indħil jew pressjoni ta' ebda Membru attwali tal-Gvern u/jew ta' xi persuna oħra, *multo magis,* wara s-sentenza deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Ottubru 2023 ***Dokument A*** hawn anness.

21. Illi d-deċiżjoni li jaġixxi fl-interess tal-Istat m'għandiex tistenna l-kunsens u/jew l-approvazzjoni tal-Gvern, tal-Prim Ministru u jew ta' xi persuna oħra f'kariġa uffiċjali governattiva, stante li t-tutela tal-interessi tal-Istat Malti jiżbqu l-interessi ta' xi membri individwali tal-Gvern preżenti u/jew passati, kif misjuba mankanti bis-sentenza deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Ottubru 2023 ***Dokument A*** hawn anness.

22. Illi konsegwentement kif awtorizzat mill-istess Kostituzzjoni, l-Avukat tal-Istat għandu l-awtorita' sabiex mingħajr il-kunsens u l-approvazzjoni tal-Gvern, imexxi u jaġixxi kontra kull membru tal-Gvern, li jkun aġixxa kontra l-interessi tal-Istat b'mod li bl-azzjonijiet tiegħu ikunu taw jew ħadu vantaġġ mhux dovut jew kif ikun prospettat, u dan *a skapitu* tal-istess Stat Malti b'għemil doluż, *ossia* bi frodi u *in kollużjoni* ma' terzi.

23. Illi l-Avukat tal-Istat kien parti u intimat fil-proċeduri tal-kawża surreferita *ossia* Rikors Nru: 133/2018 FDP hawn fuq riferita, u għalhekk huwa ċar daqs il-kristall għall-istess Avukat tal-Istat li bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell surreferita, diġa ġie mogħti d-direzzjoni sabiex jaġixxi wara li irriżulta li xi Membri tal-Gvern preżenti u/jew passati, aġixxew b'mod doluż u frawdolenti kif ukoll *in kollużjoni* ma' terzi.

24. Illi bi protest ġudizzjarju preżentat fl-1 ta' Novembru 2023, protest numru 503/2023, kopja tiegħu hawn anness u mmarkat bħala **'*Dokument E*'**, l-atturi fil-mansjoni tagħhom ta' Kap tal-Oppożizzjoni u

ex-Kap tal-Oppożizzjoni kif ukoll bħala Membri tal-Kamra tad-Deputati, interpellaw lill-istess Avukat tal-Istat, sabiex jaġixxi ġudizzjarjament fil-konfront tal-ogħla esponenti tal-istess Gvern, sabiex jirkupra l-istess mill-assi personali tagħhom id-dannu kollu soffert minn l-istess Poplu Malti u Għawdxi, u dan minħabba l-għemil doluż, frawdolenti u kolluživ kontra l-interessi tal-Istat, u dan kif stipulat *ai termini* tal-Artiklu 1051A *et seq*.

25. Illi b'risposta fil-forma ta' kontro-protest tat-8 ta' Novembru 2023, protest numru 512/2023, kopja tiegħu hawn anness u mmarkat bħala **'*Dokument F*'**, l-istess Avukat tal-Istat jippretendi li huwa m'għandux s-setgħa mogħtija lilu mill-liġi sabiex jaġixxi ġudizzjarjament fil-konfront tal-ogħla esponenti tal-istess Gvern, u dan sabiex, kif mitlub mill-istess esponenti, jirkupra dak soffert mill-Istat, u dan mill-assi personali tagħhom.

26. Illi b'replika għal dan il-kontro-protest, tal-10 ta' Novembru 2023, protest numru 526/2023, kopja tiegħu hawn anness u mmarkat bħala **'*Dokument G*'**, l-atturi rreplikaw li d-difiża tal-Istat Malti m'hijiex sottomessa għal konsulenza tal-Gvern tal-ġurnata, u għalhekk l-istess azzjoni intiża li għandha tittieħed m'huwiex kontra l-Gvern iżda kontra l-ogħla esponenti tal-istess Gvern preżenti u/jew passati, fil-vesti personali tagħhom sabiex l-Istat jirkupra d-dannu soffert permezz tal-għemil doluż, frawdolenti u kolluživ ma' terzi.

27. Illi kif jistipula l-Artikolu 91A tal-Kostituzzjoni ta' Malta, din l-azzjoni li trid tittieħed fil-ġudizzju individwali u independenti tal-intimat Avukat tal-Istat, kif deċiż mill-Qorti tal-Appell skont ***Dokument A*** hawn anness, m'għandiex tkun soġġetta għad-direzzjoni jew għall-kontroll ta' membri tal-Gvern preżenti u lanqas ta' ebda persuna oħra, iżda hija deċiżjoni li għandha tittieħed *a sua sponte* ġialadarba huma responsabbli għad-dannu soffert mill-Istat minħabba l-aġir tal-għemil doluż, frawdolenti u kolluživ mat-terzi.

28. Illi għalhekk konsegwentement il-Qorti tal-Appell bis-sentenza tat-23 ta' Ottubru 2023 surreferita, diġa spjanat l-azzjoni li l-intimat Avukat tal-Istat għandu jieħu fil-konfront tal-istess esponenti għoljin tal-istess Gvern preżenti u/jew passati, sabiex id-dannu soffert mill-Istat jiġi rkuprat, fl-interess tal-Poplu Malti u Għawdxi *ossia* l-Istat Malti.

29. Illi minkejja dan, sal-lum il-ġurnata l-intimat Avukat tal-Istat baqa' inadempjenti u għalhekk jinħtieġ illi din l-Onorabbli Qorti tiddikjara u tiddeċiedi illi l-istess Avukat tal-Istat jista' jaġixxi *ai termini* tal-Artikolu 91A tal-Kostituzzjoni ta' Malta, fl-interess tal-Istat Malti mingħajr il-bżonn ta' xi awtorizzazjoni tal-Gvern *ossia* l-Eżekuttiv u/jew ta' xi Awtorita' oħra, sabiex min fil-Gvern aġixxa b'għemil doluż, frawdolenti u kolluživ ma' terzi, fl-għoti tal-konċessjoni emfitewtika temporanja u l-istrumenti relattivi magħha, iħallsu personalment u solidalment id-danni li sofra l-Istat Malti.

30. Illi għalhekk, l-atturi ma' kellhom ebda għazla, fil-mansjoni u doveri Kostituzzjonali tagħhom, li wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell surreferita, u wara l-inadempjenza tal-Avukat tal-Istat, ħlief li jaderixxu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tagħti d-direzzjoni lill-istess Avukat tal-Istat, li huwa jista' jaġixxi għat-tutela tal-istess Stat, mingħajr il-kunsens tal-istess Gvern.

31. Illi għalhekk din il-kawża hija ta' natura urġenti u ta' materja nazzjonali, u għalhekk kontestwalment ma' dan ir-rikors ġuramentat se jigi intavolat rikors sabiex din il-kawża tinstema' bl-urġenza.

**Jgħid l-intimat, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, u għar-raġunijiet suesposti għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:**

I. **Tiddikjara u tiddeċiedi** illi l-Avukat tal-Istat *ai termini* tal-Artikolu 91A tal-Kostituzzjoni ta' Malta, għandu s-setgħa u dmir illi jaġixxi independentement minn kull direzzjoni governattiva u għandu jaġixxi fl-interess pubbliku għas-salvagwardja tal-legalità tal-azzjoni tal-Istat fil-ġudizzju individwali tiegħu u għalhekk ma għandux ikun suġġett għad-direzzjoni jew għall-kontroll ta' ebda persuna jew awtorità oħra u dan għaliex għandu jaġixxi *motu proprio*.

II. **Tiddikjara u tiddeċiedi** illi wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-23 ta' Ottubru 2023, fil-kawża Rikors maħluf Numru: 133/18 fl-ismijiet: '*Onorevoli Kap tal-Oppożizzjoni Avukat Dottor Adrian Delia vs Onorevoli Prim Ministru ta' Malta Joseph Muscat'*, l-istess Avukat tal-Istat jista' jaġixxi kontra l-ogħla esponenti involuti fil-Gvern Malti preżenti u/jew passati li aġixxew b'għemil doluż, frawdolenti u kollużiv ma' terzi, kontra l-interess tal-Istat Malti, kif misjub *ai termini* tal-istess sentenza finali.

III. **Tiddikjara u tiddeċiedi** illi din is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-23 ta' Ottubru 2023, fil-kawża Rikors maħluf Numru: 133/18 fl-ismijiet: *'Onorevoli Kap tal-Oppożizzjoni Avukat Dottor Adrian Delia vs Onorevoli Prim Ministru ta' Malta Joseph Muscat*', li ddikjarat li l-ogħla esponenti tal-Gvern Malti preżenti u/jew passati li aġixxew b'għemil doluż, frawdolenti u kollużiv ma' terzi, hija biżżejjed awtorizzazjoni sabiex l-istess Avukat tal-Istat jieħu l-passi necessarji u opportuni skont il-liġi sabiex l-Istat Malti jirkupra d-dannu soffert minnu minħabba l-aġir doluz, frawdolenti u kolluživ tal-istess esponenti tal-Gvern Malti preżenti u/jew passati u dan fil-kwalita' tagħhom personali u solidali bejniethom, u dan kif jistipula l-Artikolu 1051A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, peress li din it-tali sentenza ġiet mogħtija minn organu tal-Istat hekk adebit mill-liġi.

**Bl-ispejjeż inkluż il-protest ġudizzjarju tal-1 ta' Novembru 2023 u tar-replika tal-10 ta' Novembru 2023 u bl-inġunzjoni tal-intimat in subizzjoni u b'riserva għal kwalsiasi azzjoni spettanti lil atturi *sia* in konfront tal-Avukat tal-Istat u/jew terzi.**"

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Avukat tal-Istat (il-konvenut Avukat) tat-3 ta' Jannar 2024 li permezz tagħha wieġeb u eċċepixxa s-segwenti:

1. "L-improponibilita' tal-azzjoni kif dedotta billi filwaqt li, *prima facie,* għandha s-sembjanza ta' azzjoni dikjaratorja (b'żieda ta' talbiet li jmorru *oltre* dak li hu merament dikjaratorju), minn eżami aktar approfondit jirriżulta li bil-kawża tal-lum l-atturi qed jistiednu lil din l-Onorabbli Qorti **tirriformula** s-Sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet "*Onor. Kap tal-Oppozizzjoni Avukat Adrian Delia vs Onor. Prim Ministru Joseph Muscat* (Rikors Maħluf numru 133/18) b'mod li jinduċuha tippronunzja ruħha dwar is-sejbien ta' "fatti" li l-Qorti tal-Appell assolutament ma sabitx **u ma hemm ebda deċizjoni dwarhom**. L-atturi jridu li din il-Qorti taġixxi bħala Qorti ta' kassazzjoni jew Qorti tat-tielet grad, **ħaga li hi eżawtorata milli tagħmel**, biex iddawwar il-konklużjonijiet tal-Qorti tal-Appell.

2. Subordinatament, u bla ħsara għall-ewwel eċċezzjoni, talba dikjaratorja jrid ikollha utilita' finali għal min jippromwoviha. B'hekk, l-ewwel talba ma tistax tiġi mistħarġa *in vacuo,* iżda fil-kuntest tal-azzjoni kif promossa. Biex din l-Onorabbli Qorti tirradika din l-utilita' fil-kuntest tal-azzjoni **kif imposta**, il-Qorti trid neċessarjament tissindika l-mertu tal-kawża deċiża mill-Qorti tal-Appell (Rikors Maħluf numru 133/18) biex tara tasalx għal dawk il-konklużjonijiet li <u>l-atturi jalludu</u> li l-Qorti tal-Appell waslet għalihom, <u>iżda li fil-verita' huma differenti ferm minn dak li sabet u kkonkludiet dwaru dik il-Qorti</u>. Imbagħad bit-talbiet rimanenti, il-Qorti saħansitra qed tiġi mistiedna teżorbita s-setgħat tagħha, u tarroga lill-eċċepjenti setgħet u funzjonijiet li m'għandux, u tkun hi li tidderieġi lill-eċċepjenti imexxi, <u>fil-kariga proprja tiegħu</u>, b'azzjoni taħt l-Artikolu 1051A tal-Kapitolu 16 ta' Malta, meta la dan l-artikolu tal-liġi u lanqas xi artikolu ieħor tal-liġi ma jvesti lill-eċċepjenti b'dan id-dritt ta' azzjoni, awtonomu jew xort'oħra. Allura l-konsegwenza aħħarija tkun dik illi l-Qorti tispiċċa <u>tippromulga hi</u> l-Liġi li tirregola dawk li għandhom ikunu s-setgħat u l-funzjonijiet tal-Avukat tal-Istat, meta din hi funzjoni prettament tal-Leġislatur. F'dan is-sens ukoll l-azzjoni attriċi hi mproponibbli.

3. Illi l-Onorabbli Qorti tal-Appell ma setgħet qatt, <u>u qagħdet ferm attenta li ma tagħtix, kemm tenendo kont tan-natura tal-azzjoni u tas-setgħat tagħha bħala Qorti, xi forma ta' direzzjoni tax-xorta pretiża mill-atturi li kienet teżorbita mill-poteri tagħha u tirrientra fil-mansjoni esklussivament fdata lill-Eżekuttiv, wisq anqas ħolqot xi jedd t'azzjoni lill-Avukat tal-Istat li kien jirrientra esklussivament fis-setgħat tal-Eżekuttiv</u>. Illi kieku ipotetikament l-Onorabbli Qorti tal-Appell kellha tati xi direzzjoni biex tiġi inizjata xi azzjoni kif pretiż mill-atturi, loġikament din kienet ser tagħtiha fil-konfront ta' min hu vestit bis-setgħa legali biex jeżerċitaha, ossia l-Gvern ta' Malta li kien parti f'dik il-kawża, u mhux tagħtiha fil-konfront tal-eċċepjenti, li m'għandu l-ebda setgħa legali biex jinizja tali azzjoni (u saħansitra ma kienx parti f'dik il-kawża). Fattwalment, qari akkurat tas-Sentenza juri li l-Qorti la għamlet waħda u lanqas l-ohra.

4. Illi l-azzjoni attriċi hi wkoll improponibbli, inammissibbli u legalment insostenibbli għaliex jekk l-atturi jsostnu li s-Sentenza tal-Qorti tal-Appell tagħmel stat fil-konfront tal-eċċepjenti għall-fini tat-talbiet tagħhom, **u** tgħid dak li jgħidu li tgħid f'partijiet tar-rikors promotur tagħhom, messhom għaddew għall-infurzar u twettieq tagħha bil-mezzi disponibbli għalihom skont il-Liġi fil-konfront tal-eċċepjenti, u mhux jintavolaw din il-kawża. Għalhekk ukoll l-azzjoni odjerna għandha tiġi respinta.

5. L-improponibilita' tal-azzjoni attriċi wkoll għaliex l-atturi m'għandhomx *locus standi* sabiex jippromwovu l-kawża odjerna billi m'għandhom ebda dritt maħsub fil-Liġi li jmexxu b'azzjoni ġudizzjarja ta' din ix-xorta.

6. Illi l-azzjoni hi wkoll legalment improponibbli, insostenibbli u inammissibbli u għandha tiġi miċħuda billi s-setgħa li l-atturi qed jistiednu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex teżerċita - tramite l-eċċepjenti - hi waħda li tispetta esklussivament lill-Eżekuttiv ossia lill-Gvern ta' Malta, u hi eżerċitabbli esklussivament mill-Eżekuttiv f'ismu. L-atturi jridu jistiednu skontru istituzzjonali billi jikkapovolġu l-prinċipji tas-separazzjoni tal-poteri, u jridu li branka tal-Istat tintralċja u tużurpa l-poteri tal-oħra, u li din l-Onorabbli Qorti tarroga għaliha prerogattiva, funzjoni u setgħa li tispetta lill-Gvern ta' Malta. U minflok teżerċitaha hi tramite l-eċċepjenti; jew li din l-Onorabbli Qorti tvesti lill-eċċepjenti b'setgħa ta' azzjoni illi l-Leġislatur ma tahx, u b'hekk tużurpa u tiżvesti din is-setgħa mill-poter tal-Gvern ta' Malta, xi ħaġa li l-Onorabbli Qorti tal-Appell qagħdet attenta ferm li ma tagħmilx fis-Sentenza tagħha.

7. Illi l-eċċepjenti m'huwiex azzjonabbli għall-fini tal-azzjoni odjerna billi hu jeżerċita biss funzjoni ta' avukat għal kull fini u effetti tal-liġi.

8. Illi l-eċċepjenti m'għandux is-setgħa ta' azzjoni f'ismu li jgħidu li għandu l-atturi, saħansitra jekk direzzjonat jew awtorizzat mill-Gvern jew minn ħaddiehor; li imkien ma hu u ma jistax ikun, għaliex ma jistax jiġi awtorizzat iwettaq azzjoni li legalment m'għandux il-*vires* li jwettaq, *tenendo* kont ukoll li l-legalita' tal-azzjoni tal-Istat tfisser ukoll li kull branka tal-Istat trid taġixxi entro l-parametri tas-setgħat tagħha, xi ħaġa li l-Qorti tal-Appell kienet attenta li tosserva, anzi attwalment ma messitx magħha għaliex il-mertu ta' quddiemha imkien ma poġġieha f'dik il-qagħda. Din hija biss l-interpretazzjoni altament żbaljata li l-atturi qed jagħtu lis-Sentenza.

Illi wisq anqas ma jista' l-eċċepjenti jaġixxi *di sua sponte*. Jekk jagħmel hekk, l-eċċepjenti jkun qed jaġixxi *ultra vires* u jkun ukoll nieqes fih l-interess ġuridiku li jippromwovi l-azzjoni. L-Avukat tal-Istat **m'għandux dritt ta' azzjoni (*right of action)*** kif qed jippretendu l-atturi fil-każ *de quo* stante li ma hemm l-ebda Ligi li tagħtih din is-setgħa – tant li l-atturi qed ifittxu jargumentaw li d-direzzjoni u awtorizzazzjoni li suppost tat il-Qorti tal-Appell (<u>li ma tatx</u>), tirrimpjazza l-*vires* li jrid jemani mil-Liġi (<u>li ma jeżistix</u>).

9. Illi l-jedd ta' azzjoni li l-atturi jippretendu li l-eċċepjenti għandu jeżerċita, hu jedd li jispetta biss lill-Eżekuttiv ossia l-Gvern ta' Malta, li jeżerċitah f'ismu assistit mill-Avukat tal-Istat u/jew minn avukati privati skont l-għażla tal-Gvern, u mhux billi xi ħadd jawtorizza lill-eċċepjenti sabiex jeżerċitah. Ħlief fl-eċċezzjonijiet li tagħti l-Liġi espressament, l-Avukat tal-Istat ikun parti biss meta jigi ċitat fil-ġudizzju bħala konvenut, meta ma jistax jiġi identifikat kontra min il-kawża trid issir, hekk kif jistipula is-subartikolu 3 tal-Artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

10. Subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-azzjoni intavolata mill-atturi hija kontradittorja, inkompatibbli u konfużjonarja billi l-atturi f'nifs jgħidu li l-Avukat tal-Istat għandu l-fakultà jaġixxi fid-diskrezzjoni assoluta tiegħu u indipendentement mill-Eżekuttiv; iżda fl-istess ħin, jgħidu li din id-diskrezzjoni trid tiġi eżerċitata skont id-direzzjoni u awtorizzazzjoni tal-Qorti. Għalhekk il-kawża ma hi xejn għajr tentattiv biex setgħa tiġi użurpata minn branka tal-Istat, u mgħoddija lil oħra li teżerċitaha tramite l-eċċepjenti b'idejh marbutin, bis-sorvolament tal-proċess leġiżlattiv.

11. Ukoll mingħajr preġudizzju għas-suespost, għar-rigward tal-ewwel talba, din inkitbet b'mod li tiżvijja u ma tirrifletti b'ebda mod il-funzjoni tal-Avukat tal-Istat. It-talba intenzjonalment tiċċita selettivament l-Artikolu 91A(3) tal-Kostituzzjoni biex tagħtih sfumatura li tmur lil hinn mit-tifsira vera tiegħu. Il-Liġi, inkluż il-Kap 603, turi ċar - u l-intenzjoni tal-leġislatur hi daqstant ċara, kif fil-qasma tal-Uffiċju tal-Avukat Ġenerali, l-Avukat tal-Istat ma ngħatax poteri li jeċċedu l-*advisory function* li kellu preċedentement l-Avukat Ġenerali. L-Avukat tal-Istat hu biss il-konsulent tal-Gvern fi kwistjonijiet ta' liġi u opinjoni legali, fejn fl-għoti tal-parir hu għandu jaġixxi fl-interess pubbliku u għandu jissalvagwardja l-legalità tal-azzjoni tal-Istat fil-konsulenza legali tiegħu.

L-indipendenza u awtonomija tal-Avukat tal-Istat tirrigwarda l-funzjonijiet li hu mistenni jwettaq meta *"taħt xi liġi l-Avukat tal-Istat ikun marbut li jaġixxi jew jeżerċita xi setgħa skont il-ġudizzju individwali tiegħu"*[1]. Il-ġudizzju individwali u d-diskrezzjoni tal-Avukat tal-Istat huma għalhekk ċirkoskritti għal dawk iċ-ċirkostanzi espressament previsti taħt xi Liġi – ħaġa li l-artikolu 1051A tal-Kap 16 ma jipprospettax - u kwindi ma jagħtux il-*vires legali* lill-Avukat tal-Istat sabiex jaġixxi, *di sua sponte* jew xort'oħra, wisq anqas jekk "direzzjonat" jew "awtorizzat" minn xi ħadd li ma jistax jagħti dik l-awtorizzazzjoni jew direzzjoni għax tispetta lil ħaddiehor.

Illi għaldaqstant l-ewwel talba kif dedotta għandha tiġi respinta.

12. Għar-rigward tat-tieni talba, din ukoll għandha tiġi miċħuda. Barra li hi kontradittorja ma' kull wahda fost it-talbiet l-oħra, bil-mod kif impostaw l-azzjoni tagħhom, unikament sabiex jdaħlu l-eċċepjenti f'arena li ma tispettax lilu, l-atturi b'dak mitlub f'din it-talba jridu sitwazzjoni ta' spropożitu legali fejn jiġi stabbilit li l-eċċepjenti għandu l-jedd ta' azzjoni ġudizzjarja (minn tal-inqas) - imbagħad wara s-Sentenza joqgħod jaġixxi ta' investigatur biex jidentifika min huma l-persuni li għandha jew m'għandiex issir kawża ċivili

[1] Ara artikolu 2(3) tal-Kapitolu 603 tal-Ligijiet ta' Malta.

kontrihom fejn waqt dak il-proċess, hu naturalment jiġi assoġġettat għall-attakk fl-arena pubblika politika li diġà sarlu mill-atturi (Dok E u G mar-Rikors Maħluf fost oħrajn), dwar kontra min għandu u m'għandux jiftaħ il-kawża, u għax fittex lil wieħed u ħalla barra lill-ieħor, bit-theddida tal-azzjoni għad-danni personali mdendla kontrih jekk ma jissokkombix għall-pressjoni ta' l-atturi. Din m'hijiex il-funzjoni tal-Avukat tal-Istat u l-eċċepjenti lanqas għandu qatt jitqiegħed f'din is-sitwazzjoni, anke għax dawn il-funzjonijiet huma fdati lil ħaddieħor.

13. <u>Għar-rigward tat-tielet talba, din ukoll hi kontradittorja ma kull waħda fost it-talbiet l-oħra.</u> Il-ġurisprudenza hi ċara dwar il-qagħda ta' talbiet kontradittorji u inkompatibbli li m'humiex alternattivi, u l-atturi ma jistgħux iressqu azzjoni fejn jgħidu:

(i) li l-eċċepjenti huwa indipendenti u ma jista' jingħata l-ebda struzzjoni jew awtorizżazzjoni minn ħadd;

u f'nifs ieħor,

(ii) li din l-Onorabbli Qorti għandha tkun hi li taghti direzzjoni lill-eċċepjenti biex jieħu passi ġudizzjarji;

u f'nifs ieħor, b'din it-tielet talba;

(iii) li l-eċċepjenti ġie direzzjonat u awtorizżat u obbligat biex jieħu passi gudizzjarji;

14. Illi l-Gvern ta' Malta, bil-parir u assistenza tal-eċċepjenti u ditti legali oħra privati (anke internazzjonali) li flimkien qed jassistuh, hu parti fi proċeduri arbitrali internazzjonali li fihom il-Gvern Malti in kawtela tal-jeddijiet tiegħu, qiegħed javvanza diversi pretensjonijiet u diversi rimedji spettanti lilu taħt il-konċessjoni dwar l-isptarijiet, filwaqt li jiddefendi fejn qed jiġi mfittex. Il-Gvern, bil-parir tal-eċċepjenti u avukati oħra, għazel dan il-kors ta' azzjoni bħala dak l-aktar idoneju sabiex jikkawtela l-interessi tal-pajjiż. Illi l-azzjoni ta' l-atturi trid tiddisturba u tibdel dik id-deċiżjoni u toħloq azzjoni addizzjonali magħha meta din m'hijiex id-deċiżjoni tal-Gvern ta' Malta. Għalhekk it-tieni u t-tielet talba jfittxu rimedju li l-atturi huma preklużi milli jitolbu, u bl-akbar rispett, li din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex is-setgħa li tilqa', billi din hi għażla, prerogattiva u setgħa tal-Eżekuttiv.[2]

Illi l-intavolar waħdu tal-azzjoni odjerna ċertament illi ma jgħinx anzi jista' jimmina u jippreġudika dan l-interess tal-iStat Malti f'dawk il-proċeduri, u din saret unikament sabiex iżżomm ħajja l-kontroversja pubblika.

Illi għaldaqstant, il-kawża odjerna hija wkoll superfluwa u għandha tiġi miċħuda billi l-Gvern ta' Malta, bl-assistenza tal-eċċepjenti, diġa eżegwixxa u ħa l-azzjonijiet neċessarji.

[2] U hawn jerga' jigi ribadit dwar il-karenza, f'kull kaz, ta' xi decizjoni jew direzzjoni simili mill-Qorti tal-Appell.

15. Illi għar-rigward it-tieni u t-tielet talbiet attriċi, li huma intimament allaċċjati mas-Sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell (Rikors Maħluf Nru 133/18), dawn għandhom jiġu miċħuda billi b'żieda mal-limitazzjonijiet li ssemmew aktar qabel dwar il-funzjoni tal-Avukat tal-Istat, hemm il-karenza ta' deċiżjoni mill-Qorti tal-Appell li b'xi mod ġie riskontrat minnha l-aġir kontemplat fl-artikolu 1051A tal-Kap 16[3]; il-karenza tat-tismija ta' ismijiet ta' persuni mill-Onorabbli Qorti tal-Appell li wettqu l-aġir kontemplat fl-imsemmi artikolu 1051A li l-atturi jalludu li ġie riskontrat mill-Qorti tal-Appell meta dan kjarament mhux minnu; u l-karenza ta' provi b'mod ġenerali f'idejn l-eċċepjenti li ma jippermettulux iwassal kontra xi persuna, dik il-kawża b'suċċess

16. Ili aktar minn hekk l-eċċipjent, lanqas m'għandu u lanqas jista' jitpoġġa fil-qagħda li jridu l-atturi. Jigifieri li jintavola rikors maħluf u jikkonferma bil-ġurament li xi persuna pparteċipat fl-aġir kontemplat fl-artikolu 1051A tal-Kapitolu 16, għar-rigward ta' persuni illi evidentement il-Qorti fil-Prim' Istanza u l-Qorti tal-Appell ma rriferewx għalihom u li ma ġiet stabbilita ebda mġieba ta' din ix-xorta jew imġieba ħazina/skorretta da parti taghhom li tista' tirrendihom passibbli għal xi forma ta' azzjoni ġudizzjarja personali kontrihom, u li, għal uħud minnhom, mill-esperjenza professjonali tal-eċċipjent kemm ilu jokkupa din il-kariga sa mid-19 t'Ottubru, 2020, agixxew korrettament u in *buona fede.*

Għal dawn il-motivi kollha t-talbiet tal-atturi huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda, bl-ispejjeż kontrihom.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri li jistgħu jkunu permissibbli skont il-Liġi."

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Gvern tar-Repubblika ta' Malta u tal-Kabinett ta' Malta (l-intervenuti fil-kawża) li permezz tagħha wieġbu s-segwenti:-

1. "(i) L-irritwalita' u l-konsegwenti nullita' tal-azzjoni stante' l-inkompatibilita', il-kontradittorjeta' u l-ambivalenza bejn kull wahda fost it-talbiet attriċi.

(ii) Fl-ewwel talba taghhom, l-atturi jghidu li l-Avukat tal-Istat hu awtonomu u ma <u>jistax jinghata struzzjoni jew awtoriżżazzjoni</u> minn ħaddiehor. Imbaghad <u>kontra ghal dan</u>, fit-tieni talba taghhom, l-atturi jghidu li hija din l-Qorti li ghandha i<u>s-setgha li taghti struzzjoni</u> lill-Avukat tal-Istat biex jagixxi fil-parametri arbitrarjament mfassla minnhom (l-atturi). Imbaghad, ghal darb'ohra kontra ghal dak li jghidu fit-talbiet precedenti, fit-tielet talba taghhom l-atturi jghidu li l-Avukat tal-Istat <u>diġà gie awtoriżżat u obbligat</u> biex

[3] Kuntrarjament ghal dak argumentat mill-atturi, il-kolluzjoni u agir iehor misjub mill-Qorti tal-Appell, u l-korruzzjoni, ma jfissrux l-istess haga u huma ben distinti minn xulxin.

jagixxi bis-sahha tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell. B'hekk b'kull wahda fost t-talbiet taghhom l-atturi qed jiehdu pozizzjonijiet, f'din l-istess azzjoni taghhom, li huma nkompatibbli u kontradittorji ghal xulxin - pozizzjonijiet li m'humiex alternattivi, izda li jinnewtralizzaw lil xulxin. Dan joqtol l-azzjoni *a priori.*

2. Bla hsara ghall-ewwel eċċezzjoni, l-improponibilita' tal-azzjoni kif promossa ghax ghalkemm mal-ewwel daqqa t'ghajn ghandha x-xejra ta' azzjoni dikjaratorja (b'zieda ta' talbiet li jmorru *oltre* dak li hu merament dikjaratorju), minn eżami aktar akkurat jirrizulta li l-atturi b'din il-kawza qed jipprovaw - bl-aktar mod skorrett u kontra l-principji tad-dritt li jirregolaw is-sistema ġuridika ta' pajjiżna – jistiednu lil din l-Onorabbli Qorti twettaq eżerċizzju fejn **iddawwar** is-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell, b'mod li jinducuha tippronunzja ruħha dwar is-sejbien ta' "fatti" li l-Qorti tal-Appell assolutament ma sabitx **u ma hemm ebda decizjoni dwarhom**.

3. (i) Illi ghal dak li jirrigwardja l-ewwel talba, li hi wahda dikjaratorja, din irid ikollha utilita' finali ghal min jippromwoviha - li ma tkunx il-kapital politiku li qed jittentaw jiksbu l-atturi b'dawn il-proceduri. B'hekk l-ewwel talba ma tistax tiġi mistharrga in izolament, iżda fil-kuntest tal-azzjoni kif promossa. Biex tiġi radikata utilita' fil-kuntest tal-azzjoni **kif imposta**, il-Qorti trid neċessarjament twettaq l-eżerċizzju li qed tiġi mistiedna twettaq mill-atturi, **iżda li hi ezawtorata milli twettaq**, cioe' li taġixxi bhala qorti *del terzo grado* u tisharreg mill-gdid il-mertu tal-kawza deċiża mill-Qorti tal-Appell biex (kif l-atturi b'mod skorrett qed jipprovaw jinducuha taghmel) taqleb il-konkluzjonijiet ta' dik il-Qorti tal-Appell bil-mod **intenzjonalment skorrett** li l-atturi dawwru dawn il-konkluzjonijiet f'partijiet, imma mhux ohrajn, tar-rikors promotur taghhom. Minn issa stess qed tigi senjalata l-kontradittorjeta' tal-interpretazzjonijiet differenti li l-atturi taw fir-rikors mahluf lis-sentenza msemmija, u f'diversi atti gudizzjarji li ntavolaw u dokumenti u stqarrijiet pubblici ohra.

(ii) Bit-talbiet rimanenti, l-atturi jridu joholqu skontru istituzzjonali li jissarraf f'attakk dirett lejn il-mod kif jithaddem il-principju tas-separazzjoni tal-poteri ġewwa pajjiżna, billi jistiednu lil din l-Onorabbli Qorti tezorbita s-setghat taghha, tintralcja fuq il-funzjonijiet fdati esklussivament lill-fergha eżekuttiva tal-Istat u tarroga lill-Avukat tal-Istat dawn is-setghet u funzjonijiet meta m'ghandux jedd bil-ligi li jezercitahom. U imbaghad tkun hi (il-Qorti) li tordna lill-intimat Avukat tal-iStat imexxi, fil-kariga proprja tieghu, b'azzjoni taht l-Artikolu 1051A tal-Kapitolu 16 ta' Malta, meta la dan l-artikolu tal-ligi u lanqas xi artikolu iehor tal-ligi ma jvesti lill-Avukat tal-iStat b'dan id-dritt ta' azzjoni, awtonomu jew xort'ohra. Allura l-konsegwenza ahharija tkun dik illi l-Qorti tispiċċa tilbes il-kappell tal-leġislatur (funzjoni fdata lill-branka ohra tal-istat) u tispiċċa tippromulga hi l-Ligi li tirregola dawk li ghandhom ikunu s-setghat u l-funzjonijiet tal-Avukat tal-Istat.

4. (i) Illi ghalhekk l-azzjoni tal-lum hi mproponibbli u inammissibbli ghaliex tipprospetta xenarju fejn ikollok organu ġudizzjarju li jarroga ghalih setgha li l-ligi ma taghtihx, sahansitra f'kawza li l-mertu taghha kien differenti minn dak li l-atturi qed jghidu li s-sentenza finali tghid, u dak l-organu ġudizzjarju

jawtorizza lil haddiehor li lanqas m'ghandu dik is-setgha bil-ligi biex xorta jezercitaha bis-sahha tas-sentenza, flok min hu legalment vestit b'dik is-setgha.

(ii) Kontra ghal dak li l-atturi jalludu fit-tielet talba taghhom, l-Onorabbli Qorti tal-Appell ma setghet qatt, u qaghdet ferm attenta li ma taghtix, kemm tenendo kont tan-natura tal-azzjoni u tas-setghet taghha bhala Qorti, xi forma ta' direzzjoni tax-xorta pretiza mill-atturi li kienet tezorbita mill-poteri taghha u tirrientra fil-mansjoni esklussivament fdata lill-Ezekuttiv, wisq anqas holqot xi jedd t'azzjoni lill-Avukat tal-Istat li kien jirrientra esklussivament fis-setghat tal-Ezekuttiv.

5. Illi l-azzjoni attrici hi wkoll improponibbli, inammissibbli u legalment insostenibbli ghaliex jekk ir-rikorrenti jsostnu li s-sentenza tal-Qorti tal-Appell taghmel stat u gudikat fil-konfront tal-Avukat tal-Istat ghall-fini tat-talbiet taghhom, **u** tghid dak li jghidu li tghid f'partijiet tar-rikors promotur taghhom (izda mhux f'ohrajn), allura messhom ghaddew ghall-infurzar u twettieq taghha bil-mezzi disponibbli ghalihom skont il-Ligi fil-konfront tal-intimat Avukat tal-Istat, u mhux jintavolaw din il-kawza.

6. L-improponibilita' tal-azzjoni attriċi ghaliex l-atturi m'ghandhomx *locus standi* sabiex jippromwovu l-kawza odjerna billi m'ghandhom ebda dritt mahsub fil-Ligi li jmexxu b'azzjoni ġudizzjarja ta' din ix-xorta. Il-funzjoni, prerogattiva u setgha suġġett tal-kawza li tispetta esklussivament lill-Gvern tar-Repubblika ta' Malta ma tistax tiġi sostitwita, kif effettivament qatt ma ġiet, minn xi branka ohra tal-iStat. Wisq anqas ma tista' tiġi sostitwita permezz tal-azzjoni tal-lum, li apparti li **m'hijiex azzjoni prospettata fil-ligi**, hi wkoll azzjoni li **tirrazenta dak li legalment ma jaghmilx sens u mhux sorrett mill-ligi**, u aghar minn hekk, iġġib maghha konsegwenzi **altament perikolużi li jheżżu s-sistema demokratika ta' pajjiżna.**

7. Illi l-Avukat tal-Istat m'għandux is-setgħa ta' azzjoni li l-atturi jgħidu li għandu, sahansitra jekk direzzjonat jew awtorizzat mill-eccipjent Gvern ta' Malta; li imkien ma hu u ma jistax ikun, ghaliex ma jistax jigi awtorizzat jew delegat iwettaq azzjoni li legalment m'ghandux il-*vires* li jwettaq. Wisq anqas ma jista' l-Avukat tal-Istat jagixxi *di sua sponte*. Jekk jaġixxi, l-Avukat tal-Istat ikun qed jaġixxi *ultra vires* u jkun ukoll nieqes fih l-interess guridiku li jippromwovi l-azzjoni.

8. Illi l-jedd ta' azzjoni li l-atturi jippretendu li l-Avukat tal-Istat ghandu jezercita hu jedd li jispetta biss u esklussivament lill-Ezekuttiv *ossia* l-Gvern ta' Malta, **li jezercitah f'ismu** bhala attur assistit mill-Avukat tal-Istat u/jew minn avukati privati skont l-ghazla tal-Gvern, u mhux billi xi hadd jawtorizza lill-Avukat tal-Istat sabiex jezercitah. Ir-rikorrenti stess jirrikonoxxu dan – ara Dokument A, mozzjoni parlamentari. L-Avukat tal-Istat ikun parti konvenuta, meta ma jistax jigi identifikat kontra min il-kawża trid issir, hekk kif jistipula is-subartikolu (3) tal-Artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

9. (i) Ukoll u mingħajr preġudizzju għas-suespost, b'riferenza ghal dak li jinghad fl-ewwel talba, hawn l-atturi jipprovaw jizgwidaw dwar dak li trid u

tghid l-Ligi rigward il-funzjonijiet tal-Avukat tal-Istat. L-atturi selettivament jiccitaw partijiet (u mhux ohrajn) mill-Artikolu 91A (3) tal-Kostituzzjoni biex, b'mod intenzjonalment hazin, jaghtuh sfumatura li tmur lil hinn mit-tifsira proprja tieghu. Il-ligi, inkluz il-Kapitolu 603 li hu *lex specialis*, juru car - u l-intenzjoni tal-legislatur hi daqstant iehor cara, daqs kemm hi r-rieda tal-Gvern ta' Malta dakinhar u llum - kif fil-qasma tal-Uffiċju tal-Avukat Ġenerali, l-Avukat tal-Istat ma ngħatax poteri godda li jeccedu l-*advisory function* li kellu preċedentement l-Avukat Generali fil-vesti civili. L-Avukat tal-Istat hu biss il-konsulent tal-Gvern fi kwistjonijiet ta' liġi u opinjoni legali, fejn fl-ghoti tal-parir hu għandu jaġixxi fl-interess pubbliku u għandu jissalvagwardja l-legalità tal-azzjoni tal-Istat fil-konsulenza legali tieghu, u hu ghal dan il-ghan biss li l-ufficju tieghu jgawdi minn certu salvagwardji, u ghal dawk l-azzjonijiet fejn il-ligi espressament taghtih il-jedd li jagixxi. Pero' sahansitra anke dak il-parir li jaghti l-Avukat tal-Istat m'huwiex vinkolanti fuq il-Gvern, filwaqt li jgorr il-portata tieghu. U bhala konsulent tal-Gvern, l-Avukat tal-Istat iwiegeb lill-Gvern, u mhux kif jipprospettaw l-atturi.

(ii) L-indipendenza u awtonomija tal-Avukat tal-Istat tirrigwarda l-funzjonijiet li hu mistenni jwettaq meta *"taħt xi liġi l-Avukat tal-Istat ikun marbut li jaġixxi jew jeżerċita xi setgħa skont il-ġudizzju individwali tiegħu"*[4]. Il-ġudizzju individwali u d-diskrezzjoni tal-Avukat tal-Istat huma ghalhekk cirkoskritti għal dawk l-istanzi espressament mahsuba taht xi ligi – haga li l-artikolu 1051A tal-Kap 16 ma jipprospettax - u kwindi ma jagħtix il-*vires legali* lill-Avukat tal-Istat sabiex jaġixxi, *di sua sponte* jew xort'ohra, wisq anqas jekk "direzzjonat" jew "awtorizzat" minn xi hadd li ma jistax jaghti dik l-awtorizzazzjoni jew direzzjoni ghax tispetta lil haddiehor.

10. Illi *di piu',* b'riferenza ghal dak li jinghad fit-tieni talba, kif ifisser l-Avukat tal-Istat fir-risposta mahlufa tieghu hawn l-atturi jridu johloqu sitwazzjoni ta' spropozitu legali fejn wara li jigi stabbilit li l-Avukat tal-Istat ghandu l-jedd ta' azzjoni (li **m'ghandux**), jispicca jilbes il-kappell ta' investigatur fejn irid jidentifika min huma l-persuni li għandha jew m'ghandiex issir kawża ċivili kontrihom fejn waqt dak il-process, hu naturalment jigi assoggettat ghall-attakk fl-*arena* pubblika politika li diga' sarlu mir-rikorrenti (Dok E u G mar-rikors mahluf fost ohrajn), dwar kontra min ghandu u m'ghandux jiftah il-kawza, u ghax dahhal lil wiehed u halla lill-iehor barra, skont l-esigenza politika. Din m'hijiex il-funzjoni tal-Avukat tal-Istat u dan lanqas ghandu qatt jitqieghed f'din is-sitwazzjoni.

11.(i) Illi l-Gvern ta' Malta, bil-parir tal-Avukat tal-Istat u ditti legali ohra privati (anke' internazzjonali) li flimkien qed jassistuh, hu parti fi proċeduri arbitrali internazzjonali li fihom il-Gvern Malti in kawtela tal-jeddijiet tieghu, qiegħed javvanza diversi pretensjonijiet u rimedji spettanti lilu taħt il-konċessjoni dwar l-isptarijiet. Ghaldaqstant dak li r-rikorrenti qed jghidu li jridu jottjenu b'din il-kawza (ghajr ghall-kapital politiku) huwa diga' l-mertu ta' proceduri arbitrali.

(ii) Il-Gvern bil-parir tal-Avukat tal-Istat u avukati ohra ghazel dan il-kors ta' azzjoni bhala dak l-aktar idoneju sabiex jikkawtela l-interessi tal-pajjiz. Illi l-

[4] Ara artikolu 2(3) tal-Kapitolu 603 tal-Ligijiet ta' Malta

azzjoni tal-atturi trid tiddisturba u tibdel dik id-decizjoni u tohloq azzjoni maghha meta din m'hijiex id-decizjoni tal-Gvern ta' Malta, u m'hijiex mehtiega. Ghalhekk it-tieni u t-tielet talba wkoll ifittxu rimedju li l-atturi huma prekluzi milli jitolbu, u li din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex is-setgha li tilqa', billi din hi ghazla, prerogattiva u setgha tal-Esekuttiv[5], li giet ezercitata b'mod responsabbli.

(iii) L-intavolar wahdu tal-azzjoni odjerna, meta l-atturi jafu, u issa rrikonoxxew bil-miktub[6], illi l-Gvern ta' Malta diga' qieghed jiddefendi l-interessi nazzjonali fl-imsemmija proceduri ta' arbitragg internazzjonali, jidher car illi sar bil-ghan ta' protagonizmu u ghal skopijiet politici, u mhux fl-interess tal-pajjiz. L-azzjoni tal-lum, li hi karenti minn bazi legali u li saret sabiex izzomm hajja l-kontroversja pubblika, u l-azzjoni l-ohra li jridu l-atturi, certament illi ma tghinx anzi potenzjalment tiffrustra, timmina u tippregudika serjament l-interess tal-Gvern Malti f'dawk il-proceduri arbitrali. L-atturi ma jridux jigbdu l-istess habel tal-Gvern Malti fl-arbitragg, minkejja li gew mistiedna biex jikkollaboraw, u dan juri l-veru ghan taghhom.

(iv) Illi ghaldaqstant il-kawza odjerna hi wkoll superfluwa u mhux necessarja u ghandha tigi michuda billi l-Gvern ta' Malta, bl-assistenza tal-Avukat tal-Istat u ohrajn, diga esegwixxa u ha l-azzjonijiet necessarji in kawtela tal-pretensjonijiet tieghu dwar il-materja tat-tlett sptarijiet.

12. Illi dejjem bla hsara ghall-eccezzjonijiet gja mqanqla, l-azzjoni tal-lum ghandha tigi michuda ghaliex hemm il-karenza assoluta ta' sejbien, u certament ebda decizjoni mill-Qorti tal-Appell li b'xi mod gie riskontrat minnha l-agir kontemplat fl-artikolu 1051A tal-Kap 16[7]; il-karenza tat-tismija ta' ismijiet ta' persuni mill-Onorabbli Qorti tal-Appell li wettqu xi agir kontemplat fl- artikolu 1051A li l-atturi jalludu li gie riskontrat mill-Qorti tal-Appell (meta dan mhux minnu); u l-karenza ta' kull xorta ta' prova li jippermettu li tinbeda jew titwassal b'success kontra xi persuna, kawza b'dawk il-kawzali. <u>Dan tant huwa minnu li l-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha m'ordnat ebda komunika tad-decizjoni taghha lill-Kummissarju tal-Pulizija jew lill-Avukat Generali biex iwettqu kwalunkwe' investigazzjoni jew kull pass iehor opportun, kif il-Qorti kienet indubbjament taghmel kieku irriskontrat xi agir tax-xorta kontemplat fl-artikolu 1051A tal-Kap. 16.</u>

13. Illi certament li l-Avukat tal-Istat, kif jghid fir-risposta mahlufa tieghu, m'ghandux jitpogga fil-qaghda li jintavola rikors mahluf u jikkonferma bil-gurament li xi persuna ppartecipat fl-agir kontemplat fl-artikolu 1051A tal-Kapitolu 16, ghar-rigward ta' dawk illi s-sentenza tal-Qorti tal-Appell u d-diversi rapporti tal-Awditur Generali ma rriskontraw ebda mgieba hazina dwarhom, u li agixxew dwar din il-vertenza *in linea* mal-pariri tal-Avukat tal-Istat, u li l-assjem tac-cirkostanzi jikkonfermaw l-imgieba korretta taghhom

[5] Hawn jerga' jigi ribadit dwar il-karenza, f'kull kaz, ta' xi decizjoni jew direzzjoni simili mill-Qorti tal-Appell.
[6] *vide* risposta tal-atturi mressqa fil-25 ta' Jannar 2024 ghar-rikors tal-Avukat tal-Istat ipprezentat fit-23 ta' Jannar 2024
[7] Kuntrarjament ghall-imbekkata li jaghtu r-rikorrenti, il-kolluzzjoni u agir iehor misjub mill-Qorti tal-Appell, u l-korruzzjoni, ma jfissrux l-istess haga u huma ben distinti minn xulxin

u jeskludu kwalunkwe` allegazzjoni ta' korruzzjoni fil-konfront taghhom. Tant hu hekk li l-Avukat tal-Istat innifsu ga kkonferma bil-gurament, fir-risposta mahlufa tieghu, li mill-esperjenza professjonali tieghu ma' membri tal-Gvern f'din l-amministrazzjoni, dawn dejjem agixxew *"korrettament u in buona fede."*

14. Illi finalment jigi ccarat, ghal kull buon fini u effett tal-ligi, illi filwaqt li l-Prim Ministru attwali, bhala konsulent legali bla hlas tal-Prim Ministru precedenti, kien mistieden jattendi ghall-laqghat tal-Kabinett ta' dak iz-zmien, u ma kienx membru ta' dak il-Kabinett, u lanqas kellu vot [kif trid il-Kostituzzjoni].

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri li jistgħu jkunu mehtiega u permissibbli skont il-liġi.

Bl-ispejjez."

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-Kawża.

Rat u qrat ix-xhieda imressqa fil-perkors ta' dawn il-proċeduri.

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet.

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

**1.** Fit-13 ta' Ottubru 2023 ingħatat Sentenża mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Onor. Kap tal-Opposizzjoni Adrian Delia -vs- L-Onor Prim Ministru ta' Malta Joseph Muscat. F'dik is-Sentenza dik il-Qorti, fil-waqt li kkonfermat is-Sentenza tal-Prim Istanza mogħtija mill-Imħallef Francesco Depasquale, obiter qalet, li kien hemm kollużjoni bejn il-partijiet fil-bejgħ tal-Isptarijiet liż-żewġ kumpaniji Vitals u Stewart.

**2.** F'dik is-Sentenza il-Qorti qalet ukoll, li min suppost kellu d-dmir li jħares l-interessi tal-pajjiż, ħares lejn interessi oħra, tant li saħansitra

ikkonċeda estensjoni għall-bejgħ tat-tlett sptarijiet u dan sabiex ma joħroġx il-ftehim raġunt bejn il-partijiet b'kollużjoni. Dan sar ukoll, minkejja li s-Soċjetajiet involuti ma laħqux it-targets miftehma u għalhekk kienu ukoll inadempjenti mal-obbligi tal-emfitewzi konċessa.

**3.** Minkejja dan kollu, sal-lum għadhom ma ttieħdu ebda passi sabiex jiġu rkuprati l-flejjes li ntilfu b'konsegwenza ta' dan il-ftehim u li għalhekk huma dawk il-funzjonarji ta' dak iż-żmien li għandhom jagħmlu tajjeb għalihom abbażi tal-artikolu 1051A tal-Kodiċi Ċivili.

**4.** L-Atturi qegħdin isostnu, li huwa dmir tal-intimat Avukat li jaġixxi skont il-liġi, biex jirkupra dawn il-flejjes. Għalhekk qed jinsistu, li s-Sentenza tal-Qorti tal-Appell hija fiha nnifsha awtorizazzjoni sabiex il-konvenut Avukat jinizja dawn il-proċeduri kontra dawk il-funzjonarji għolja tal-Gvern ta' dak iż-żmien meta seħħew l-atti inkwistjoni.

**Punti ta' Liġi**

**5.** Bl-azzjoni minnhom proposta, l-Atturi qegħdin jitolbu li din il-Qorti tiddikjara li l-konvenut Avukat għandu jaġixxi kontra l-ogħla esponenti peress li huma responsabbli għall-bejgħ tal-isptarijiet u dan billi jinizja proċeduri ai termini tal-artikolu 1051A tal-Kodiċi Ċivili li jiddisponi hekk:

*"(1) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu "korruzzjoni" tfisser li titlob, toffri, tagħti jew taċċetta, direttament jew indirettament, tixħim jew xi vantaġġ ieħor mhux dovut jew li jkun prospettat, li jgħawweġ it-twettiq kif imiss ta' xi dmir*

*jew imġieba meħtieġa minn min jirċievi t-tixħim, bil-vantaġġ mhux dovut jew kif ikun prospettat.*

*(2) Kull min ivanta li jkun sofra danni bħala riżultat ta' korruzzjoni għandu jkollu l-jedd li jieħu azzjoni biex jikseb kumpens għad-dannu kaġunat lilu bl-att ta' korruzzjoni kontra l-persuni li jkunu għamlu jew awtorizzaw l-att ta' korruzzjoni jew li jkunu naqsu li jieħdu passi raġonevoli biex jipprevjenu l-att ta' korruzzjoni.*

*(3) Il-persuni li jkunu għamlu r-reat jew awtorizzaw l-att ta' korruzzjoni u l-persuni li jkunu naqsu milli jieħdu passi raġonevoli biex jipprevjenu l-att ta' korruzzjoni għandhom ikunu solidalment responsabbli għad-danni msemmija fis-subartikolu (2).*

*(4) Meta l-att ta' korruzzjoni jkun sar minn uffiċjal jew minn impjegat tal-Gvern jew minn korp magħqud stabbilit bil-liġi, il-Gvern jew skont ma jkun il-każ il-korp magħqud stabbilit bil-liġi għandu hu nnifsu jkun responsabbli biex jagħmel il-ħlas dovut għad-dannu kaġunat bl-att ta' korruzzjoni meta:*

*(a) min ikun qiegħed ivanta l-pretensjoni li jkun sofra d-danni jkun ta' meta jkun sar jaf bl-imġieba mhux xierqa tal-uffiċjal jew tal-impjegat, avviż bħal dak lill-Gvern jew lill-korp magħqud, skont il-każ, biex jieħu dawk il-miżuri preventivi li jkunu raġonevoli fiċ-ċirkostanzi biex jipprevjenu l-għemil tal-att ta' korruzzjoni;*

*(b) min ikun qed ivanta li sofra d-danni ma jkunx hu nnifsu għar-rigward tal-istess kwistjoni ġiegħel lil xi uffiċjal jew impjegat jagħmel l-att ta' korruzzjoni, jew b'xi mod kien parti f'dak l-att;*

*(ċ) min ikun sofra d-danni jkun ha kull azzjoni kontra l-persuna responsabbli għad-danni skont is-subartikolu (3) biex jirkupra d-danni;*

*U*

*(d) il-Gvern jew il-korp magħqud, skont il-każ, ikun sar parti fil-kawża kontra l-persuni responsabbli għad-danni skont is-subartikolu (3) sabiex jiddefendi l-interessi tiegħu taht dan is-subartikolu:*

*Iżda l-Gvern jew il-korp magħqud, skont il-każ, ikun biss responsabbli għal dik il-parti tad-danni li ma tkunx qed tiġi rkuprata mill-persuni responsabbli għal dawk id-danni skont is-subartikolu (3).*

*(5) Ma għandu jkun hemm ebda dritt għall-hlas ta' danni b'kumpens meta l-parti li tvanta li tkun sofriet id-danni kienet hi nnifisha xjentement parti fl-att ta' korruzzjoni:*

*Iżda ebda ħaġa f'dan is-subartikolu ma għandha tiftiehem bħala li tippreskludi lil xi persuna milli tirkupra xi hlas li jkun sar jew xi ħaġa li tkun ġiet mogħtija, jew il-valur tagħha, meta l-ħlas ikun sar jew il-ħaġa tkun ġiet mogħtija għal xi korrispettiv li ma jkunx skont il-liġi.*

*(6) Kull azzjoni għall-irkupru ta' danni taħt dan l-artikolu għandha tinġieb qabel ma jiskadu tliet snin mid-data meta min ikun qed jitlob id-danni jkun sar jaf jew imissu raġonevolment ikun sar jaf li tkun ġrat il-ħsara jew li jkun sar att ta' korruzzjoni u min tkun il-persuna responsabbli għaldaqstant jew qabel ma jiskadu għaxar snin mid-data tal-att ta' korruzzjoni, skont liema jiġi l-ewwel, u ma tista' tinġieb ebda azzjoni wara li jiskadi dak iż-żmien.*

*(7) Meta jsir xi kuntratt minn xi persuna (inkluż il-Gvern jew xi korp magħqud stabbilit bil-liġi) u l-kuntratt jew xi klawsola relattiva jkunu ġew mitmuma minn xi impjegat, uffiċjal jew aġent ta' dik il-persuna minħabba f'xi att ta' korruzzjoni favur dak l-uffiċjal, impjegat jew aġent, il-persuna li tkun marbuta b'dak il-kuntratt u li jkollha lil dak l-uffiċjal, impjegat jew aġent tagħha li jkun ġarrab dak l-att ta' korruzzjoni, għandu jkollha, mingħajr preġudizzju għal kull dritt ta' azzjoni biex tirkupra d-danni skont dan l-artikolu, dritt li tibda azzjoni mhux aktar tard minn sena wara li ssir taf b'dak l-att ta' korruzzjoni jew minn meta hija kien imissha raġonevolment saret taf b'dan, biex tannulla l-kuntratt jew xi klawsola minnu li tkun iddaħħlet minhabba f'dik il-korruzzjoni: Iżda ma tista' tinġieb ebda azzjoni wara li jiskadu għaxar snin mid-data tal-att ta' korruzzjoni.*

*(8) L-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ma tistax tingħata kontra l-Gvern jew kontra xi Kunsill Lokali jew kontra xi korp magħqud imwaqqaf b'liġi f'azzjoni għall-irkupru ta' danni taħt dan l-artikolu li tkun imsejsa fuq att ta' korruzzjoni li jkun twettaq mill-persuna mħarrka b'abbuż tal-kariga tagħha*

*waqt li dik il-persuna kienet tokkupa l-kariga ta' Ministru, Segretarju Parlamentari, Membru tal-Kamra tad-Deputati, Sindku jew Kunsillier".*

**6.** Dan l-artikolu daħal fir-reġim tal-liġijiet tagħna bl-Att XX tal-2002. Il-prinċipju li jintroduċi ma ħux wieħed ġdid għall-Istituti ċivilistiċi tagħna, għaliex simili għalih hemm l-artikolu 1028A li jagħti lok għall-azzjoni ta' *actio de rem verso.* Għalhekk, dan l-artikolu jipprovdi għall-azzjoni simili fil-każ ta' atti ta' korruzzjoni, għall-irkupru ta' ġid li jkun ġie għand id-debitur b'arrikament indebitu tramite l-att ta' korruzzjoni u dan għaliex ikun appropja għalih innifsu assi li jkun akkwista meta kien jokkupa kariga pubblika u li ma hux intitolat għalihom skont il-liġi.

**7.** Fid-dawl ta' kif formulat ir-rikors ġuramentat. Il-pretensjonijiet prinċipali tal-Atturi huma pero' impernjati fuq l-Istitut tal-Avukat tal-Istat ai termini tal-artikolu 91A tal-Kostituzzjoni u l-Kap 640 tal-Liġijiet ta' Malta. L-introduzzjoni tal-Avukat tal-Istat, li qabel kien assorbit fil-figura tal-Avukat Ġenerali, huwa wieħed pjuttost riċenti u ftit li xejn għandha dottrina legali dwaru. Dan ifisser, li din il-Qorti kellha, fost oħrajn, taqa' fuq istituzzjonijiet simili barranin biex setgħet tapprezza liema huma obbligi prinċipali ta' dan l-Uffiċjal kostituzzjonali.

**8.** Din il-Kawża tippresenta diskussjoni legali pjuttost innovativa inkwantu permezz tal-ewwel talba l-Atturi qed jikkontendu, li l-liġi li tirreġola l-Uffiċċju tal-Avukat tal-Istat, b'referenza għall-artikolu 91A tal-Kostituzzjoni, anke jekk ma jingħadx espressament, dan għandu

implicitament l-obbligu, li jaġixxi *de motu propju* kontra dawk l-uffiċjali għolja indikati fis-Sentenza ċitata abbażi tal-artikolu 1055A tal-Kodiċi Ċivili.

L-artikolu 91A tal-Kostituzzjoni jiddisponi hekk:

*"(1) Għandu jkun hemm Avukat tal-Istat li l-kariga tiegħu tkun kariga pubblika u li jkun maħtur mill-President li għandu jaġixxi skont il-parir tal-Prim Ministru.*

*(2) Ħadd ma jkun kwalifikat li jkollu l-kariga ta' Avukat tal-Istat jekk ma jkunx kwalifikat għal ħatra bħala imħallef tal-Qrati Superjuri.*

*(3) L-Avukat tal-Istat għandu jkun il-konsulent tal-Gvern fi kwistjonijiet ta' liġi u opinjoni legali. Huwa għandu jaġixxi fl-interess pubbliku u għandu jissalvagwardja l-legalità tal-azzjoni tal-Istat. L-Avukat tal-Istat għandu jwettaq ukoll dawk id-dmirijiet u funzjonijiet oħra li jistgħu jingħatawlu minn din il-Kostituzzjoni jew minn xi liġi. Fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu, l-Avukat tal-Istat għandu jaġixxifil-ġudizzju individwali tiegħu u ma għandux ikun suġġett għad-direzzjoni jew għall-kontroll ta' ebda persuna jew awtorità oħra.*

*(4) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (5), l-Avukat tal-Istat għandu jivvaka l-kariga tiegħu meta jagħlaq l-età ta'ħamsa u sittin (65) sena.*

*(5) L-Avukat tal-Istat ma għandux jitneħħa mill-kariga tiegħu ħlief mill-President wara indirizz mill-Kamra li jkollu favur tiegħu l-vot ta' mhux inqas minn żewġ terzi tal-membri kollha tagħha u li jitlob għal dik it-tneħħija minħabba inkapaċità ippruvata li jaqdi l-funzjonijiet tal-kariga tiegħu (kemm jekk għal mard korporali jew mentali jew għal xi raġuni oħra) jew imġiba ħażina ppruvata.*

*(6) Il-Parlament jista' b'liġi jirregola l-proċedura għal preżentata ta' indirizz u għall-investigazzjoni u prova dwar l-inkapaċità jew imġiba ħażina skont id-dispożizzjonijiet tal-aħħar subartikolu qabel dan".*

**Konsiderazzjonijiet**

**9.** Ma għandu jkun hemm ebda dubbju, li l-Uffiċju tal-Avukat tal-Istat għandu importanza għall-esistenza u konservazzjoni tal-ordinatament tal-istat u partikularment għas-saltna tal-liġi. Huwa r-risposta għall-mistoqsija *qui custodiet ipsos custodet*. Li dan l-Uffiċju huwa ta' importanza massima jemerġi mill-mod kif l-artikolu 91A tal-kostituzzjoni jipprovdi għat-tneħħija u l-għażla tiegħu, li hija konsimili għal dik ta' ġudikant. Di fatti fil-Kostituzzjoni tal-1964, qabel ma saru l-emendi ġenerali tal-1974, kien provdut li persuna ma setgħetx tikkwalifika għal din il-kariga jekk ma kienitx tipposjedi il-kwalifiki kollha biex tkun maħtura Imħallef.

**10.** Minn dak li setgħet tispigola mir-riċerki li għamlet din il-Qorti, l-istitut tal-Avukat tal-Istat huwa influwenza ingliża mnissla mill-figura tal-Attorney General fir-reġim kostituzzjonali Ingliż. Pero' kif nafu, bl-emendi riċenti

Kostituzzjonali, il-mansjonijiet tal-Avukat Ġenerali kif kienu qabel, issa ġew spartiti. Ilum imiss lill-Avukat tal-Istat li jaqdi doveri partikulari li ma għandhom x'jaqsmu mal-kamp kriminali mentri dan l-aħħar kamp jispetta biss lill-Avukat Ġenerali. Din il-bidla ġiet sabiex jitħares b'aktar reqqa l-prinċipju tas-separazzjoni ta' poteri li fuqu hija imfassla l-Kostituzzjoni Maltija. Pero' dwar dan inkunu qed nitkellmu aktar 'l quddiem f'din is-Sentenza.

**11.** Hemm awturi ingliżi li huma tal-fehma li "*The Attorney General may as he prefers act independently, ex ufficio*" (Ara **Wade & Forsyth, Administartive Law, 8th Ed, pg 57**1). Pero' mhux kull pajjiż li segwa s-sistema ingliża mexa b'uniformita' fl-applikazzjoni ta' dan l-istitut, inkwantu jirrigwarda d-dmirijiet ta' din il-figura Kostituzzjonali.

**12.** L-Atturi jagħmlu ukoll referenza għal dak li qalet Kummissjoni Venezja. Għalkemm huwa minnu li dak li tgħid din il-kummissjoni għandu jingħata l-piż li jixraqlu, il-Qorti dejjem trid tqis dak kollu li tgħid din il-kummissjoni fil-kuntest Kostituzzjonali ta' pajjiżna li hija bil-miktub u li tammonta għall-patt soċjali b'referendum fl-1964.

**13.** Il-Qorti anke ħarset lejn x'jiddisponu Kostituzzjonijiet oħrajn, li bħalna kienu kolonji tal-Ingilterra u li bħalna ingħataw Kostituzzjoni konsimili għal dik tagħna. Fost dawn insibu dik Ċiprijotta li f'artikolu 113, b'mod mill-aktar xott tiddisponi hekk:

"*1. The Attorney-General of the Republic assisted by the Deputy Attorney General of the Republic shall be the legal adviser of the Republic and of the President and of the Vice-President of the Republic and of the Council of Ministers and of the Ministers and shall exercise all <u>such other powers and shall perform all such other functions and duties as are conferred or imposed on him by this Constitution or by law.</u>*

*2. The Attorney-General of the Republic shall have power, exercisable at his discretion in the public interest, to institute, conduct, take over and continue or discontinue any proceedings for an offence against any person in the Republic. Such power may be exercised by him in person or by officers subordinate to him acting under and in accordance with his instructions"* (Emfażi tal-Qorti).

**14.** Dan l-artikolu bħal tagħna, ma jiddisponiex espliċitament li l-Avukat Ġenerali jista' jaġixxi *de motu propju* għalkemm "*at his discretion*" tindika hekk, partikularment meta hija marbuta mal-interess pubbliku. Jiġi osservat, li fit-test tal-artikolu 91A tal-kostituzzjoni Maltija il-frażi "*at his discretion*" ma tirrikorrix. B'dana, ma jfissirx li ma hemmx minn xorta waħda jargumenta l-kuntrarju propju kif qed jagħmlu l-Atturi.

**15.** Din il-Qorti lanqas ma tista' ma tosservax kif fil-Kostituzzjoni Ċiprijotta l-Avukat Ġenerali huwa konsulent tal-organi kollha tal-Istat indiskriminatament, bi ksur ċar tal-prinċipju tas-separazzjoni tal-poteri apparti li hu għandu wkoll "*such other powers and shall perform all such*

*other functions and duties as are conferred or imposed on him by this Constituition or by law".* Frażi li hija replikata fil-Kostituzzjoni tagħna.

**16.** L-esperjenza ta' ħafna pajjiżi li kienu kolonji bħalna hija varjata f'dan il-qasam. Per eżempju f'Hong Kong, l-Avukat tal-Ġenerali huwa meqjus bħala segretarju tal-Istat, huwa membru ex-officio tal-Kunsill Esekuttiv u għandu s-setgħa li anke jaġixxi *de motu propju*. Minn naħa l-oħra fl-Indja, l-Avukat Ġenerali ma għandux din is-setgħa u anke jinbidel ma kull Amministrazzjoni. Fi New Zealand, għandu s-setgħa li jinizja proċeduri *ex ufficio* mentri mhux hekk fil-Malasia. Fil-każ tal-Kostituzzjoni ta' Barbados għandu biss is-setgħa li jagħti direzzjoni iżda mhux jaġixxi tramite l-Uffiċċju tiegħu. Fl-aħħar nett fil-każ tal-Kostituzzjoni tal-Kenja, l-Avukat Ġenerali jagħti pariri lill-Gvern, għall-bqija il-poteri li għandu huma biss dawk relatati ma' proċeduri kriminali.

**17.** Il-Qorti ħasset li kellha tagħmel dan l-eżami komparattiv qasir għal żewġ raġunijiet. L-ewwel għaliex dawn huma kollha Kostituzzjonijiet li ġew mogħtija mill-Parlament Ingliż permezz ta' *Order in Council* bħal fil-każ ta' pajjiżna u t-tieni għaliex ebda waħda minn dawn il-Kostituzzjonijiet ma għandha l-Uffiċċju tal-Avukat tal-Istat għalkemm dan tal-aħħar għandu obbligi li qabel, kienu jkunu eżerċitati mill-Avukat Ġenerali. Għalhekk, minkejja li f'dawn il-Kostituzzjonijiet ir-referenza hija dejjem għall-Avukat Ġenerali, xorta hemm valur sabiex insiru nafu aktar dwar l-Avukat tal-Istat ġaladarba dan wiret l-obbligi li għandu mingħand l-ieħor.

**18.** Għalhekk, fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti trid issa teżamina jekk l-Avukat tal-Istat Malti għandux l-obbligu li jaġixxi *de motu propio* taħt il-Kostituzzjoni Maltija. Korrettement l-Atturi fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħhom jistaqsu "*Min ser jiddefendi l-istat, meta jinstab li ufficjali tal-istess Gvern li qeghdin jagixxu ghan-nom tal-istess Stat, hadmu kontra l-interess pubbliku u kontra s-salvagwardja tal-legalita' tal-istess stat, jekk mhux l-Avukat tal-istat innifsu?"* (a' fol 323 para 28). Dr. Chris Soler fix-xhieda tiegħu għal din il-mistoqsija iwieġeb hekk:

"*Issa in-91A Subinciz 3 tal-Kostituzzjoni huwa rifless, maqsnsum tista' tghid fi tlett disposizzjonijiet importanti li huma lex specialis u huma governing Law illi jistipulaw b'mod esplicitu, jirregolaw il-funzjonijiet tal-Avukat tal-Istat u jikkwalifikaw kif il-kif u l-Come irid jezercithom. Mela Chapter 503 lex specialis, l-istate advocate tistipula b'mod car, l-ewwel funzjoni, it-tieni funzjoni u t-tielet funzjoni fi tliet subartikoli … ... l-ewwel wiehed kien li li l-Avukat tal-Gvern bhala rappresentant gudizzjarju. It-tieni wiehed huwa konsulent ta' konsulent legali. Fit-tielet wiehed, hu marbut li jagixxi taht xi ligi. Naturalment irid ikun jew inkella jezercita setgha fil-gudizzju individwali tieghu pero meta dik is-setgha tirrizulta mill-ligi … ... Hawn hekk huwa Attur. Ghax il-ligi tghid jagixxi … ... fejn fl-ewwel cirkostanza jiehu direzzjoni minghand il-klijent, u fit-tieni cirkostanza ghandu l-interess publiku bhala focus tieghu, fit-tielet cirkostanza ma jiehu struzzjonijiet minghand hadd hlief il-ligi specifika li taghtu dik is-setgha*." (a' fol 683).

**19.** Għalhekk id-diverġenza bejn il-partijiet hija fis-sens, li fil-waqt li l-Atturi għidu li l-Avukat tal-Istat għandu jaġixxi minn jeddu f'kull waqt meta jintebaħ b'xi għemil bħal dak li jiddiskrivu, l-konvenut Avukat tal-Istat jinsisti li dan ma jistax jagħmlu ħlief meta l-liġi issejjaħlu li jagħmel hekk.

**20.** Fid-dokument intitolat **The Governance of Britain. A Consultation on the Role of the Attorney General**, presentat lill-Parlament Ingliż fl-2007 jinghad hekk:

"*1.11 The three key roles of the Attorney General are:*

*(i) Legal adviser to the Crown (in the wider sense i.e. to the Government and, on some issues, Parliament and the Queen) and the Crown's representative in the Courts. The Attorney General also oversees the Government's in-house legal advisers and is the Minister responsible for the Treasury Solicitor's Department.*

*(ii) Minister of the Crown with responsibility for superintending the Crown Prosecution Service, Serious Fraud Office, Revenue and Customs Prosecutions Office, the Army, Royal Navy and Royal Air Force prosecuting authorities, HM CPS Inspectorate and (with the Home Secretary and Secretary of State for Justice) the Office of Criminal Justice Reform. The Attorney General is also, with the Home Secretary and Secretary of State for Justice, responsible for criminal justice policy.*

*(iii) Guardian of the public interest, in particular in certain kinds of legal proceedings – such as decisions on the bringing or termination of criminal*

*prosecutions, charity matters, and the appointment of "advocates to the court" to act as neutral advisers to the court in litigation and "special advocates" to represent the interests of parties in certain national security cases. The Attorney General's independent public interest role includes consultation by the prosecuting authorities on individual criminal cases as part of the superintendence role*".

**21.** Minn dan jemerġi, tal-inqas kif inhu meqjus l-Attorney General taħt is-sistema Ingliża, dan ma jidhirx li għandu *carte blanche* li jista' jaġixxi fuq inizzjattiva tiegħu. Minkejja dak li jgħidu Wade and Forsyth kif fuq indikat Frażi bħal "*Guardian of the public interest, <u>in particular in certain kinds of legal proceedings</u>"* ma tagħtix x'tifhem li jista' x'ħin irid u jogħġbu jinizzja proċeduri, iżda li l-aġir tiegħu f'dan ir-rigward huwa ċirkoskritt bil-frażi sottolinejata.

Fir-rigward tal-Avukat tal-Istat il-Professur Kevin Aquilina josserva hekk:

"*In the exercise of his functions, the State Advocate shall act in his individual judgment and he shall not be subject to the direction or control of any other person or authority. Whilst in the past, when the Attorney General was responsible for criminal prosecutions and advising government, the latter officer was constitutionally only independent in the former case but totally subservient to government in the latter case, the Office of the State Advocate is now independent of government and parliament. This implies that the State Advocate is not 'subject to the direction or control' of the Prime Minister, Ministers, Parliamentary*

*Secretaries, and the civil service (amongst others). He is subservient only to the Constitution, to the laws of Malta (unless these infringe the Constitution) and to his own conscience”.* (**Malta Business Weekly 5th November 2023**).

**22.** Dan ifisser li l-Avukat tal-Istat huwa sottomess biss għall-Kostituzzjoni u għall-Liġijiet ta’ Malta. Għalhekk, il-Profs Kevin Aquilina jirrikonoxxi li l-għemil tal-Avukat tal-Istat ma hux iddettat biss mill-Kostituzzjoni iżda anke mil-liġijiet tal-pajjiż. Dan ifisser, li l-obbligi tiegħu huma kollettivament idettati minn varjeta’ ta’ sorsi kostituzzjonali u liġijiet ordinarji.

**23.** Is-sors Kostituzzjonali huwa dak iddettat mill-Kostituzzjoni f’artikolu 91A tal-Kostituzzjoni mentri dak li jirrigwarda l-liġijiet ordinarji hemm għadd minnhom. Il-Qorti sabet fost il-ħafna is-segwenti:

**24.** Art 461 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta għall-ħlas ta’ multi li jistgħu jintalbu bi proċedimenti ċivili, l-Avukat tal-Istat għandu jaġixxi fil-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili, jew, skont il-każ, fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza tagħha superjuri, bil-mezz ta’ rikors;

**25.** Art 462 f’każ ta’ qbid ta’ ħwejjeġ li jistgħu jiġu kkonfiskati bi proċedimenti ċivili, skont il-liġi, l-Avukat tal-Istat għandu jaġixxi wkoll fil-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili jew fil-Qorti tal-Maġistrati(Għawdex) fil-kompetenza tagħha superjuri, u jitlob, b’rikors, li dawk il-ħwejjeġ jiġu ddikjarati kkonfiskati; taħt artikolu Art 521 jista’ jaġixxi għall-interdizzjoni jew

inabilitazzjoni ta' persuna li ma hiex kapaċi tieħu ħsieb ħwejjiġha; f'każ ta' emendi għal statuti ta' assoċjazzjonijiet il-liġi tagħthi dritt li jagħmel rikors lill-Qorti taħt art 48A (2) tal-Kodiċi Ċivili.

**26.** Huwa ukoll sinjifikanti f'dan ir-rigward li anke l-Qorti tal-Appell fis-Sentenza fuq imsemmija rrikonoxxiet li "*kellu jkun l-Attur, u mhux min kien fid-dmir li jhares l-interessi tal-pajjiz, li jfittex b'din il-Kawza.*" Għalkemm ma hux indikat espressament, din il-Qorti ma teskludix li dak li kellha f'moħħha kien l-artikolu 33(2) tal-Kap 573 tal-liġijiet ta' Malta li jiddisponi hekk:

*"(2) In-nullità ta' trasferiment magħmul bi ksur tal-imsemmi artikolu tista' tintalab mill-partijiet li jkunu involuti fit-trasferiment, mill-Avukat tal-Istat jew minn xi persuna li tkun membru tal-Kamra tad-Deputati fiż-żmien tat-talba quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili.*"

**27.** Għalhekk ironikament, din hija wkoll waħda minn dawk il-liġijiet li tagħti setgħa lill-Avukat tal-Istat jaġixxi *de motu propju.*

**28.** Iżda għandu ukoll piż, il-parir bil-miktub li ta l-Imħallef Emeritus u ex-Avukat Ġenerali għal 26 sena Dr. Anthony Borg Barthet. Dan jispjega, li jekk l-Avukat tal-Istat jingħata l-istess prerogattivi ta' Ministru, bħal dik li jaġixxi *motu propio*, inkunu qegħdin npoġġu rasha 'l isfel lid-demokrazija (a' fol 705). Iġifieri, li kieku l-Avukat tal-Istat kellu jkollu l-fakulta' li jaġixxi meta jrid mingħajr ma jirreferi lejn ħadd, inkunu tassew ħloqna super kariga, li hija anke 'l fuq minn dawk li ġew eletti u mill-esekuttiv tal-pajjiż u dan bi ksur ċar tal-prinċipju tas-separazzjoni tal-poteri.

**29.** Eżempju simili huwa dak tal-Ombudsman, li meta jiddeċiedi ma jkunx qiegħed jorbot idejn l-esekuttiv għalkemm huwa mistenni, li d-deċiżjonijiet tiegħu jiġu rispettati u fin-nuqqas il-Gvern ikun qiegħed jesponi lilu nnifsu għaċ-ċensura tal-parlament u anke tas-Soċjeta' Ċivili kollha. Hekk ukoll il-Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni (ara artikolu 11 tal-Kap 326 tal-Liġijiet ta' Malta). Huwa interessanti li jkun osservat, li kemm l-Avukat tal-Istat, kemm l-Ombudsman u kif ukoll il-Kummissjoni huma kollha maħsuba li jħarsuna minn min jikkostudina għalhekk jaqgħu fil-kategorija ta' għassiesa fuq l-aġir tal-istat għalkemm b'mod differenti.

**30.** L-Imħallef Emeritus Anthony Borg Barthet jasal għall-konklużjoni li l-Avukat tal-Istat ma għandux id-dritt ossia l-obbligu li jinizzja azzjonijiet ċivili de motu propju mingħajr ma jkun hekk inkarigat minn persuna li għandha l-poter li tagħmel talba bħal din. Dan pero' ma jnaqqas mill-fatt li hemm sitwazzjonijiet partikulari fejn l-Avukat jista' fuq inizzjattiva tiegħu stess li jibda proċeduri mingħajr ma jkun hekk inkarigat u dan fejn tirrikjedih il-liġi, bħal liġi li waslet għat-tħassir tal-kuntratt bejn il-Gvern u Vitals u Stewart.

**31.** Il-Qorti għalhekk tasal għall-konklużjoni, li wasal għaliha l-Imħallef Emeritus Anthony Borg Barthet. Kieku kien mod ieħor, ma kienx ikun hemm ħtieġa li jkun hemm liġijiet partikulari li jagħtu lill-Avukat tal-Istat din is-setgħa, ġaladarba kif qed jikkontendu l-Atturi l-artikolu 91A tal-Kostituzzjoni diġa' jagħti s-setgħa wiesgħa li jaġixxi *de motu propju*.

**32.** Huwa minnu, li fid-dibattiti parlamentari l-Avukat tal-Istat ġie deskritt bħala "*the last man standing*" u li jrid jaġixxi fl-interess pubbliku u jissalvagwardja il-legalita' tal-Istat (a Fol 149). Imma dan ma jfissirx li għandu obbligu taħt il-liġi li jaġixxi 'de motu proprio' fejn ma jkun hemmx liġi li speċifikament titlob minnu hekk. Li kieku l-Avukat tal-Istat kellu jkollu l-fakulta' assoluta li jintervjeni jew jaġixxi kull fejn jidhirlu li għandu jagħmel hekk, inkunu qed nersqu lejn terren perikoluż, għaliex tant poter konċentrat f'idejn Avukat tal-Istat jista' anke jimmina, kemm l-eżerċizzju tad-demokrazija u kif ukoll is-Saltna tal-Liġi, tenut kont li kull uman huwa suxxettibbli għall-vizzju misħut ta' aġendi moħbija.

**33.** Huwa għalhekk, li fil-parir tiegħu l-Imħallef Emeritus Anthony Borg Barthet korrettament jispjega, li jekk l-Avukat tal-Istat jingħata l-istess prerogattivi *"the democratic safeguards through collective ministerial responsibility and answerability to the elected House of Represantives would be lost"* (… a' fol 705). Dan kollu jfakkar lill-Qorti f'meta Platun fil-bidu, kien jemmen li għandu jħalli f'idejn mexxej għaref u benevolenti biex jieħu d-deċiżjonijiet kollha possibbli mingħajr xkiel ta' liġijiet, sakemm ra x'ħerba għamel fi Sqallija Dijonisju ż-Żgħir ta' Sirakuża, u kien hawn fejn skopra s-saltna tal-liġi biex għalhekk tant saħħa ma tibqax ikkonċentrata f'persuna waħda. Għalhekk, l-aktar l-aktar, l-Avukat tal-Istat jista' jkun ċensurat, mhux wisq għaliex ma aġixxiex kif qed jippretendu l-Atturi, imma li naqas li jaġixxi fejn seta' dehrlu li għandu jagixxi, kif jitlob l-artikolu 33 tal-

Kap 573 tal-Liġijiet ta' Malta u li minflok kellu jkun il-Kap tal-Opposizzjoni ta' dak iż-żmien biex saret il-Kawża għat-tħassir tal-kuntratt.

**34.** Iżda l-Atturi qegħdin ukoll jitolbu speċifikament li din il-Qorti tiddikjara u tiddeċiedi li wara s-Sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-23 ta' Ottubru 2023, l-Avukat tal-Istat għandu jaġixxi kontra l-ogħla esponenti tal-Gvern. Ma hux ċar jekk dak li qed jitolbu l-Atturi, huwiex ordni jew direttiva. Imma fil-kuntest ta' dak li qed ikun diskuss ftit jimporta jekk hiex waħda jew l-oħra.

**35.** Il-Qorti tibda biex tosserva, li għalkemm l-Avukat tal-Istat fil-qadi ta' dmirijietu, għandu jaġixxi fil-ġudizzju individwali tiegħu u ma għandux ikun suġġett għad-direzzjoni jew għall-kontroll ta' ebda persuna jew awtorità oħra, dan ma jfissirx li jista' jgħaddi minn fuq kulħadd bħal romblu taż-żrar (ara art 91A tal-Kostituzzjoni u art u artikolu 2(4) tal-Kap 603 tal-liġijiet ta' Malta). Di fatti l-Kostituzzjoni ta' Malta taħsiblu għal dan, sabiex ma jaqbiżx il-limiti tal-awtorita' tiegħu meta f'artikolu 124(10) tal-Kostituzzjoni insibu hekk:

"*Ebda disposizzjoni ta' din il-Kostituzzjoni illi xi persuna jew awtorità ma tkunx suġġetta għad-direzzjoni jew kontroll minn xi persuna jew awtorità oħra fl-eżerċizzju ta' xi funzjonijiet skont din il-Kostituzzjoni ma għandha tinftiehem bħala li tipprekludi qorti milli teżerċita ġurisdizzjoni dwar xi kwistjoni jekk dik il-persuna jew awtorità tkunx qdiet dawk il-funzjonijiet skont din il-Kostituzzjoni jew xi liġi oħra*".

**36.** Għalhekk il-Qrati ordinarji għandhom il-ġurisdizzjoni biex jissindikaw din id-deċiżjoni, "*u senjatament li din tkun agixxiet 'intra vires' il-poteri konferiti lilha, fil-limiti tal-ligi kostituttiva taghha, u li gew osservati d-drittijiet fondamentali tal-bniedem sanciti mill-Kostituzzjoni*." (Ara **Sentenza Kostituzzjonali fl-ismijiet "V. Galea -vs- Chairman tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku" tal-21 ta' Jannar 1985** u **P.A. GCD tal-20 ta' Marzu 2000 fil-kawża fl-ismijiet Raymond Fenech noe vs Victor Fiorentino**).

**37.** Din il-parti tal-Kostituzzjoni tintroduċi l-prinċipju wisgħa ta' ultra vires kif rispekkjat fl-artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Ħadd li jġorr kariga pubblika ma u meħlus mill-iskrutinju tal-Qrati, li biex insejħulhom hekk ukoll huma "*the last bastion standing".* Imma anke hawn, bħal fil-każ tal-artikolu 469A, il-Qorti tista' tiskrutinja l-għemil iżda mhux tissostitwixxi d-diskrezzjoni tal-Avukat tal-Istat jew tagħti direttivi ta' x'għandu jagħmel, għaliex altrimenti l-istess Qorti tkun qed tikser il-liġi hi stess. Dan l-artikolu tal-liġi kjarament jissoġġetta lil kull persuna u lil kull Awtorita' li taqdi funzjoni pubblika, għall-iskrutinju tal-qrati bil-għan li jiġi aċċertat li l-poter lilhom mogħti qed jiġi eżerċitat skont u fil-limiti tal-liġi, kemm ordinarja kif ukoll dik kostituzzjonali (ara **Sentenza tat-22 ta' Ottubru, 2004 fl-ismijiet Il-Kummissarju tal-Pulizija vs Edgar Borg tal-Prim Awla**).

**38.** Meta artikolu 91A jistabilixxi li l-Avukat tal-Istat ma għandux ikun suġġett għad-direzzjoni jew kontroll minn xi persuna jew awtorità oħra fl-eżerċizzju ta' xi funzjonijiet skont din il-Kostituzzjoni, din l-ammonizzjoni

hija diretta anke lejn il-Qrati. L-awtonomija u indipendenza kostituzzjonali tal-Avukat tal-Istat, fl-eżerċizzju tal-inkarigu tiegħu hija waħda ermetikament imħarsa u regolata mill-Kostituzzjoni biss. Altru tissindika u altru tordna (Ara **Sentenza tat-25 ta' Mejju, 2006 fl-ismijiet "Il-Prim Ministru u d-Direttur Ġenerali tax-Xogħolijiet, u s-Segretarju Permanenti Ewlieni vs Anthony Brincat"**).

**39.** Issa meta wieħed jara t-tieni talba Attriċi, dak li qed jintalab mhux li din il-Qorti tissindika jekk l-Avukat tal-Istat għamilx xogħolu fil-limiti tal-vires li tagħtih il-liġi iżda addirittura lil din il-Qorti li tiddikjara u tiddeċiedi li *"ghandu jagixxi kontra".* Din ħaġa impossibbli, għaliex kif diġa' ingħad skont l-artikolu 91A ħadd, inkluża din il-Qorti, ma jista' jordna jew jagħti direttivi lill-Avukat tal-Istat. Kieku tagħmel hekk, din il-Qorti tkun qed tikser il-Kostituzzjoni hi stess. Di fatti fil-ktieb **"English Law" ta' Smith and Kennan's, 7th Edition, f'pagna 71,** dawn l-awturi univokament jaffermaw li *"if the attorney general refuses to act no court can compell him to do so".*

**40.** Dan l-argument għalhekk japplika ukoll għat-tielet talba Attriċi fejn l-Atturi qed jitolbu li bis-saħħa tas-Sentenza tal-Qorti tal-Appell hija biżżejjed "*awtorizazzjoni sabiex l-istess Avukat tal-Istat jiehu l-passi necessarji u opportuni skont il-ligi sabiex l-istat Malti jirkupra id-dannu soffert...".*

**41.** Il-Qorti fliet u fittxet fis-Sentenza inkwistjoni. Il-Qorti terġa' tgħid, li huwa minnu li l-Qorti tal-Appell qalet li hemm iċ-ċirkostanzi kif spjegati minnha li "*waslet biex kellu jkun l-Attur, u mhux min kien fid-dmir li jhares l-interessi tal-pajjiz, li jfittex b'din il-Kawza*". Pero', f'ebda ħin ma ppuntat lejn

l-Avukat tal-Istat. Fis-Sentenza tagħha, il-Qorti tal-Appell kienet franka u ċara għall-aħħar dwar min kellu jġorr ir-responsabilita' (a' fol 105). Din il-Qorti ma tarax għalfejn, f'vena bħal din, il-Qorti tal-Appell ma kellhiex tagħmel referenza diretta għall-Avukat tal-Istat. L-Avukat tal-Istat jissemma' darba waħda biss tul is-Sentenza u mhux f'dan il-kuntest.

**42.** Iżda l-Qorti trid ukoll tistqarr, li provat tifhem is-sustanza tat-tielet talba, għaliex bejn qiesha esekuzzjoni ta' Sentenza jew stedina lil din il-Qorti biex tagħti interpretazzjoni ta' dak li riedet tgħid dik il-Qorti. Jekk hija l-ewwel każ allura din mhux il-proċedura li kellha ssir. Artikolu 253 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta huwa ċar x'għandu jsir.

**43.** Jekk hija kwistjoni ta' inferenza allura ta' natura interprettativa, il-Qorti tgħid li ma għandu jkun hemm ebda interpretazzjoni għaliex dak li torbot hija l-parti disposittiva tas-sentenza komunament magħrufa bħala d-decide. Artikolu 219 tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta jagħmilha ċara li "*Kull dikjarazzjoni li l-qorti trid li tkun deċiżiva jew obbligatorja, għandha tiġi mdaħħla fid-dispożitiv.*" Il-Qorti tfakkar li l-ġudikat ma joħroġx mill-motivazzjoni iżda mid-dispożittiv. Dak li hu anteċedenti jew konsegwenza neċessarju tad-dispożittiv, u li hu ta' bilfors deduċibbli minnu, jista' jitqies involut fih u parti minnu, jekk ikun ovvjament u neċessarjament deduċibbli. (**Vol XLII pI p287**).

**44.** Issa minn eżami tas-Sentenza tal-Qorti tal-Appell u anke minn dik tal-Prim Istanza, fid-dispożittiv ma hemm xejn minn dan kollu. Il-Qorti ma tistax tagħti direttivi post sentenzjali jekk mhux meta jkun hemm *ab*

*ommissa decisione* skont artikolu 235 tal-Kap 12 jew xi żball ta' komputazzjoni fis-Sentenza jew xi frażijiet li jkun jeħtieġ jiġu kjarifikati skont artikolu 285 tal-istess Kap ta' liġijiet.

**45.** Imma anke kieku stess huwa kif qed għid l-Atturi, li kif rajna ma hux, fid-dawl ta' dak fuq spjegat, din il-Qorti tirrifjuta li tapplika x'qalet is-Sentenza tal-Qorti tal-Appell f'dan ir-rigward, għaliex tkun komparteċipi fil-ksur tal-Kostituzzjoni u l-Imħallef sedenti ħa l-ġurament tal-lejalta' kif iridu l-artikoli 101 u 124 tal-Kostituzzjoni, lejn il-poplu Malti, ir-Repubblika ta' Malta u l-Kostituzzjoni u dan bid-dovut rispett lejn il-Qorti tal-Appell.

**Decide**

Għaldaqstant din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-Kawża billi **tiċħad it-talbiet Attriċi** kollha.

Spejjes a' karigu tal-Atturi.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**